30 ta' April, 1996

Imħallfin:-

Onor. Carmel A. Agius B.A., LL. D. - A/President
Onor. Noel V. Arrigo LL.D.
Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.

Onor. Perit Dominic *sive* Duminku Mintoff *et*

*versus*

Onor. Prim Mnistru *et*

## Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Proprjeta` - Tgawdija ta' - Esproprjazzjoni

*Ir-rikorrenti allegaw li ġew miksura d-drittijiet tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta` billi ġiet żviluppata l-Power Station fil-viċinanzi tal-proprjeta` tar-rikorrenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta` imma ma kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt protett mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-fatti li taw lok għall-kawża kienu s-segwenti. Il-Gvern kien iddeċieda li jiżviluppa Power Station ta' l-elettriku fil-viċinanzi tal-proprjeta` tar-rikorrenti. Estensjoni ta' art ġiet esproprjeta għal dan il-fini pero` il-proprjeta` tar-rikorrenti ma ġietx minsusa b'din l-esproprjazzjoni. Bħala riżultat ta' l-iżvilupp il-proprjeta` tar-rikorrenti ġiet negattivament affettata u saret inviżibbli. Il-Qorti ddeċidiet li fejn l-effett ta' proġett pubbliku jkun tali li jirrendi l-proprjeta` tal-ġar kompletament inutili u inadatta għall-użu normali tagħha, dan jammonta għall-esproprjazzjoni u jintitola lil min isofri dik il-ħsara għall-kumpens. Għalhekk kien hemm ksur tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi u li ġġib id-data tal-11 ta' Awissu, 1995;

L-att promotorju tal-konjuġi Mintoff, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u *r-retroxena* fattwali li minnha joriġina l-każ jinsabu dettaljatament elenkati fis-sentenza appellata li għalhekk ser tiġi riprodotta *in toto* hawn taħt qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tiddeċidi dan l-appell;

Is-sentenza appellata taqra kif ġej:

"Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew:

"Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji ta' dar bl-isem "L-Għarix" Triq ta' Delimara, Marsaxlokk ġo Delimara fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel lejn il-fanal (Lighthouse);

Illi r-raba' li jinsab faċċata ta' din id-dar fuq in-naħa tal-lemin int u dieħel lejn il-fanal fuq imsemmi ġiet esproprjata mill-Gvern, liema dar tar-rikorrenti hija biss mifruda minn din ir-raba' esproprjata bil-wisgħa tat-triq pubblika; minn din it-triq ma jgħaddux f'daqqa waħda aktar minn żewġ vetturi;

Illi din l-esproprjazzjoni saret ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987 meta tela' fil-Gvern il-Partit Nazzjonalista u liema esproprjazzjoni saret bl-intiża li tinbena *l-Power Station*;

Illi l-esponent u sħabu ppubblikaw żewġ artikoli sabiex juru żewġ punti prinċipali; l-ewwel kien li jekk il-*Power Station* tinbena f'Delimara kienet ser tgħarraq l-ambjent ta' Marsaskala u Delimara u t-tieni biex jippruvaw kemm ekonomikament għall-pajjiż ma kienx jaqbel illi l-*Power Station* tinbena hemmhekk; dwar dan l-

esponent jagħmel prova fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża jekk ikun hemm bżonn;

Illi dawn l-artikoli dehru wara l-esproprjazzjoni iżda qabel ma nbeda x-xogħol fuq il-*Power Station*. Fihom saru suġġerimenti sabiex is-sit ikun f'Bengħajsa fejn setgħet tinbena l-*Power Station* mingħajr ma tagħmel dik il-ħsara kollha u mingħajr il-piż ekonomiku kbir;

Illi l-Gvern u l-EneMalta ma ridux jeżaminaw bis-serjeta' l-argumenti miġjuba mir-rikorrent u sħabu u sostnew li Bengħajsa tiġi fil-*flight path* tar-*runway*. Riedu li din il-*Power Station* il-ġdida tiġġenera l-elettriku ta' Malta kollha, għaliex jekk il-*Power Station* tal-Marsa tingħalaq f'każ ta' inċident, Malta tispiċċa bla enerġija elettrika. Il-Gvern u l-EneMalta sostnew li kien meħtieġ bilfors ċumnija għolja ħafna, sabiex jitnaqqas l-inkwinament - "tniġġis fl-ambjent";

Illi l-esponent ma jafx x'esperti użaw l-intimati biex waslu għal dawn il-konklużjonijiet iżda jaf biss li wieħed mill-esperti ewlenin fl-*airports*, l-Ingegniere Mario Marra qal ċar u tond li ma jaqbilx ma' din it-teżi minkejja li dan kien konsulent tal-Gvern. Li hu magħruf huwa li wara li din il-persuna integra esprimiet dan il-ġudizzju, il-kuntratt tagħha ġie tterminat mid-Dipartiment ta' l-*Avjazzjoni Ċivili; l-intimati* ukoll ġabu l-*argument li tali sit ċjoe'* f'Bengħajsa jista' jfixkel l-operat tekniku inkluż kuntatt bejn il-*Control Tower* u l-ajruplan, liema argument qatt ma ġiet sostenut b'mod serju;

Illi r-rikorrent għalkemm kien konvint li dawn l-argumenti ma kinux ibbażati fuq fatti xjentifiċi, għamel studji aktar fil-fond

fuq il-kwistjoni. Meta l-esponent kien mistieden mill-Gvern Amerikan fl-Inter Parliamentary Union for Global Environment li seħħ f'Washington DC bejn id-29 ta' April u t-2 ta' Mejju, 1990 permezz tas-Senatur Gore illum Viċi President ta' l-Istati Uniti, saru kuntatti ma' esperti f'din il-materja li assiguraw lir-rikorrenti illi bit-tibdil fl-istrumenti ta' l-ajruplani li jrid isir f'kull ajruplan skond l-*istandards* Amerikani, il-problema msemmija mill-intimati kienu kollha risolvibbli;

Illi minkejja li dan kollu ġie a konjizzjoni tal-Prim Ministru u l-intimati ma jirriżultax li wrew interess serju biex isibu sit alternattiv għal Delimara/Marsaxlokk u dan minkejja li r-rikorrenti u sħabu għamlu suġġerimenti oħra apparti minn Benghajsa, l-esponenti u *sħabu għamlu ukoll suġġerimenti* dwar alternattivi għal magni li jiġġeneraw l-elettriku iżda ukoll hawnhekk l-intimati ma wrewx interess serju għal dak li kien lilhom jiġu propost;

Illi l-intimati embarkaw fuq triq proprogandistika fejn beżżgħu lill-poplu Malti li jekk ma jibnux minnufih *il-Power Station* ta' Delimara, Malta ser tispiċċa bla elettriku. Ħolqu f'moħħ il-Maltin, l-idea li l-*Power Station* il-ġdid jista' jagħlaq dik tal-Marsa, tant illi użaw il-mezzi ta' propoganda li wassal biex iqarrqu lin-nies bi stampi sbieħ li bihom wieħed jikkonkludi li l-*Power Station* sejra ssebbaħ l-inħawi ta' Marsaxlokk/Delimara;

Illi dan wera ruħu biċ-ċar meta sar dibattitu fil-Parlament dwar din il-kwistjoni tal-*Power Station* u l-Prim Ministru *nomine* rriduċa dan id-dibattitu f'wieħed ta' *No Confidence* b'mod li oġġettivament wieħed ma setax jiddistingwi bejn dak li hu fl-interess tal-pajjiż u passjonijiet personali u partiġġjani; din il-manifestazzjoni dehret *biċ-ċar meta għadda l-vot favur il-Gvern li l-Power Station tinbena*

f'Marsaxlokk/Delimara u l-*Istrangers Gallery* li kienet miżgħuda b'partitarji Nazzjonalisti bħala kor wieħed beda jkanta "Delimara, Delimara, Delimara ...";

Illi waqt il-bini tal-*Power Station* tħaffret mina min Marsaxlokk għal Delimara taħt id-dar tar-rikorrenti. L-użu ta' din il-mina hija biex kwantitajiet kbar ta' ilma u sustanzi neċessarji biex ikessħu t-turbini jintremew f'Delimara fil-bajja magħrufa bħala "Il-Ħofra l-Kbira". Meta kienet qed titħaffer din il-mina, ħass il-bini tar-rikorrenti u minkejja li dan inġibed għall-attenzjoni ta' l-EneMalta dawn urew attitudini totalment negattiva għall-ilment fondat tar-rikorrenti;

Illi minkejja l-ftaħir kollu ta' l-intimati li sejrin jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jimminimizzaw il-*pollution* f'Delimara/ Marsaxlokk, l-intimati naqsu milli jagħmlu dan u ta' xejn l-esponent ġibdilhom l-attenzjoni li fejn teżisti ċ-ċivilta` kif nafuha aħna, id-duħħan miċ-ċumnija jrid jgħaddi minn proċess sabiex jitħallat mal-ġir, isir ġibs u d-duħħan li jibqa' jkun ta' ħsara ħafna anqas għall-bniedem kif ukoll għall-proprjeta`;

Illi t-tip ta' ċumnija mibnija bl-għoli esaġerat kienet intiża biex tferrex id-duħħan ċjoe` il-*pollution* iżda rriżulta l-oppost. L-esponent sabiex jipprova dan qabbad a spejjeż personali tiegħu espert ta' l-Universita`, Dottor Alfred J. Vella, li kif jidher mir-rapport tiegħu kopja esebita dokument "A", wera b'mod xjentifiku u dettaljat li mill-*Power Station* ta' Delimara qegħdin joħorġu sustanzi kimiċi li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-istruttura tad-dar "L-Għarix";

Illi f'daqqa waħda l-intimati ħabbru pubblikament li ċ-ċumnija

għat-tieni fażi tal-*Power Station* se tkun ħafna iżjed baxxa minn dik ġa' mibnija u sejrin jużaw materjal differenti, bħal gas, għall-produzzjoni ta' l-enerġija elettrika fil-magni tat-tieni fażi tal-*Power Station* liema suġġeriment kienu oriġinarjament mgħoddija lill-intimati *nomine* li sistematikament warrbu kull parir li ngħatalhom;

Illi l-esponent meta jqis dan kollu jasal għall-konklużjoni li l-bini u l-użu ta' l-istess *Power Station* f'Delimara/Marsaxlokk il-bogħod biss wisgħa ta' triq mid-dar tiegħu u tal-mara "L-Għarix" ma kinitx deċiżjoni meħuda mill-intimati *nomine* skond il-ġid komuni tal-pajjiż, iżda deċiżjoni bbażata fuq passjoni politika;

Illi tali *Power Station* tagħmilha impossibbli li l-esponenti jkomplu jużaw u jgawdu d-dar tagħhom "L-Għarix", Triq Delimara, Marsaxlokk/Delimara għar-raġunijiet premessi;

Illi s-suespost jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-esponenti kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif dispost fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif ipprovdut mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

<u>Talbu</u> li din il-Qorti jogħġobha:

Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedew id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem kif ipprovdut fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif dispost fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif ipprovdut mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tiffissa kumpens dovut lir-rikorrenti;

Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq";

Rat ir-risposta ta' l-intimat Arkitett Joseph Ellul Vincenti bħala *Chairman* għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni EneMalta li biha espona:

"Preliminarjament illi l-azzjoni odjerna tidher intiża għar-risarċiment ta' danni derivanti mill-allegata limitazzjoni sofferta mir-rikorrenti fl-użu u t-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom. Għal dawn l-allegati danni l-liġi ordinarja tikkontempla diversi azzjonijiet ta' rimedju u għalhekk *jidher ċar li r-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji* l-oħra effettivi u faċilment aċċessibbli fid-dritt ċivili;

Illi għalhekk l-esponenti *nomine* jissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors u dan skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għal fuq espost mhux minnu li l-għażla tal-post tal-*Power Station* f'Marsaxlokk ma kinitx determinata esklussivament minn kriterji tekniċi u fl-interess pubbliku u dan kif jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

Illi fil-fatt l-għażla tas-sit għall-*Power Station* il-ġdida ġiet deċiża wara diversi rakkomandazzjonijiet tekniċi kemm minn esperti lokali kif ukoll barranin;

*Illi* barra minn dan mhux minnu *illi l-bini ta' din il-Power Station* għamilha impossibbli li r-rikorrenti jkomplu jgawdu u jużaw

il-fond in kwistjoni;

Illi għaldaqstant l-esponenti *nomine* jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti Mintoff kontra tagħhom bl-ispejjeż";

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru u ta' l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent li biha esponew:

"Preliminarjament, illi r-rikorrenti għadhom ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji tagħhom għall-allegazzjonijiet tagħhom, anke tenut kont li hemm ordinarjament pendenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kawża b'meritu identiku, u, għalhekk, din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha u tastjeni milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Illi hija l-prerogattiva *tal-Gvern li jagħżel fejn jirrealizza l*-proġett in kwistjoni wara li jkun għamel l-istudji u l-aċċertamenti neċessarji, kif effettivament għamel fil-każ odjern;

Illi jiġi fejn jiġi rrealizzat proġett simili fit-territorju limitat ta' Malta, dejjem ser ikollok probabilita` li jinħoloq xi ftit ta' l-inkonvenjent lil xi ħadd, kif forsi seta' ġralhom ir-rikorrenti, pero` żgur mhux tali li jesponi lill-esponenti għal xi danni kif qed jippretendu r-rikorrenti, pretensjoni bbażata merament fuq passjoni politika f'moħħ ir-rikorrenti, liema passjoni, ironikament qiegħda tiġi attribwita lill-esponenti. Dak li qed jgħidu r-rikorrenti hawnhekk jista' faċilment u infondatament jintqal minn kwalunkwe persuna oħra li kieku l-proġett in kwistjoni alternattivament kellu jiġi rrealizzat x'imkien ieħor;

Salvi risposti ulterjuri";

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal ta' l-aċċess li għamlet il-Qorti fil-fond "L-Għarix", Triq ta' Delimara, Marsaxlokk fl-24 ta' Novembru, 1994;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-7 ta' Lulju, 1995 li bih il-Qorti ħalliet ir-rikors għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti bażiċi tal-kawża huma inkontestati. Huma fil-verita' inkontestabbli in kwantu jirriżultaw materjalment u huma faċilment verifikabbli. *Il-Gvern* ħtieġlu jibni *Power Station* ġdida. Għażel li jibniha Delimara eżatt quddiem ir-residenza tar-rikorrenti. Tifridhom biss il-wisgħa ta' triq ta' ċirka 15-il pied. Ir-rikorrenti qed jissottomettu illi bil-bini tal-*Power Station* l-intimati illedew u għadhom jilledu d-drittijiet fondamentali tagħhom;

Il-Qorti jeħtieġilha qabel xejn tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ta' indole ġenerali li huma rilevanti għall-meritu anke jekk jistgħu jidhru li jiddikjaraw kultant l-ovvju:

Ir-rikors lil din il-Qorti bħala t-Tribunal ordinarju kompetenti *biex jieħu konjizzjoni fl-ewwel grad ta' lanjanzi kostituzzjonali hu* mmirat biex ir-rikorrenti jakkwistaw rimedju għall-allegat ksur tad-

drittijiet fondamentali tagħhom. Drittijiet fondamentali li għandhom ikunu u huma l-istess għal kull individwu bħala bniedem irrispettivament mill-kwalitajiet li jiddistingwuh huma x'inhuma. Il-fatt illi r-rikorrenti Perit Mintoff kien għal ħafna snin jokkupa l-ogħla kariga esekuttiva fil-pajjiż u li f'dan iż-żmien indubbjament iddomina l-ġrajja pubbliku u influwenza d-destin tal-poplu Malti sal-punt li ħafna huma dawk li jqiesuh bħala s-Salvatur tagħhom u ħafna oħra huma dawk li jqisuh proprju l-kontra hu għal kollox irrilevanti għall-meritu ta' din il-kawża. Quddiem il-Liġi d-drittijiet fondamentali huma l-istess għall-bnedmin kollha u kull leżjoni tagħhom jekk tirriżulta ppruvata tirrikjedi rimedju adegwat u uniformi rrispettivament mill-kwalita` tal-persuna leża. Dan ifisser illi jekk jirriżulta illi l-fatti kif ippruvati jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-istess Perit Mintoff u għalhekk ikun intitolat għal rimedju adegwat biex tali leżjoni tiġi rrimedjata, l-istess protezzjoni u rimedju jkun intitolat għalih kull persuna f'Malta li tkun assoġġettata għall-istess vjolazzjoni f'ċirkostanzi analogi. F'dan il-kuntest allura r-rikors odjern jista' jkollu u għandu implikazzjonijiet li jmorru oltre l-konfini tal-meritu strett tiegħu in kwantu jippostula kweżiti li r-risposti għalihom huma ta' interess u applikazzjoni ġenerali;

Ir-rikorrent allura għandu jiġi meqjus mill-Qorti bħal kull persuna oħra li hu intitolat għall-istess protezzjoni tal-Liġi u xejn aktar. Dan ifisser pero` illi r-rikorrent ma għandu bl-ebda mod jiġi ppenalizzat minħabba l-kwalitajiet personali tiegħu li jiddistingwuh minn persuni oħra. Il-fatt li hu kien jokkupa l-kariga ta' Prim Ministru ta' Malta għal ħafna snin waqt li llum m'għadux u hu membru tal-Partit fl-Opposizzjoni bl-ebda mod ma jista' jivvantaġġja jew jippreġudika l-jeddijiet kostituzzjonali tiegħu. Il-Perit Mintoff jeħtieġ alura li jiġi ttrattat quddiem il-Liġi bħal u

daqs kull bniedem ordinarju ieħor. Naturalment il-kwalitajiet personali u l-attributi tiegħu għandhom u jibqagħlhom rilevanza fil-kontest tal-premessa illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu ġiet immotivata minn aġir diskriminatorju;

Qed issir din l-enfasi fuq l-universalita' tad-drittijiet fondamentali u l-applikabbilita' tagħhom għal kull persuna b'mod uniformi u indiskriminata biex jiġi sottolineat illi fil-każ taħt eżami l-Qorti għandha teżamina l-fatti allegati u tikkonstata jekk dawna jikkostitwux vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi tapplika għalihom l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja invokati mill-istess rikorrenti u dana bl-istess mod u bl-istess kriterji kif il-Qorti trid tapplika f'kul każ b'fattispeċje analogi mressqa minn kull bniedem ieħor. Dan ifisser illi l-Qorti mhux biss ma tistax tagħti xi konsiderazzjoni partikolari jew speċjali lill-ilment tar-rikorrent lil hinn minn dawk strettament ġuridiċi imposti fuqha mill-istrumenti leġislattivi applikabbli għalih u minnu invokati imma ukoll illi dak li jiġi deċiż f'dan ir-rikors ikun strettament ċirkoskritt fil-limiti ta' l-ilment kostituzzjonali u arġinat fit-termini tal-provvedimenti li tagħhom ir-rikorrent qed jitlob il-protezzjoni;

Dan kollu jwassal għall-konsiderazzjoni illi f'materja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali, il-Qorti hi vestita biss bil-kompetenza li tieħu konjizzjoni u tindaga fatti li hu allegat li qed jilledu jew li jistgħu jilledu dawk il-jeddijiet bażiċi tal-persuna umana ttutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja. Kull konsiderazzjoni oħra estranea tkun din ta' liema indole tkun amministrattiva, ekonomika, politika jew ta' xort'oħra għandha tiġi skartata sakemm ma tkunx strettament marbuta ma' u rilevanti għall-allegati ksur tad-drittijiet fondamentali. Kif għandhom jiġu skartati bħala

rrilevanti għall-fini ta' dan ir-rikors provi li l-finalita` tagħhom mhuwiex dak li jipprova l-allegata leżjoni tad-dritt fondamentali imma ċirkostanzi oħra estranei u aljeni għaliha. Dana qed jingħad għaliex:

Ħafna mill-provi miġbura fil-proċess huma diretti biex jistabbilixxu jekk il-*Power Station* kellhiex jew le tinbena fejn fil-fatt inbniet, jekk kellhiex tinbena tax-xorta u daqs li fil-fatt inbniet, jekk kellhiex tinbena waħda ta' dak il-kobor jew numru akbar ta' *Power Stations* iżgħar f'lokalitajiet differenti, jew jekk l-investiment li sar kienx wieħed għaqli u vijabbili jew jekk is-sistema tal-produzzjoni ta' enerġija proġettat kienx wieħed barra minn żmienu u sorpassat. Dawn u aspetti oħra anke jekk huma ċirkostanzi ta' interess soċjo-ekonomiku u politiku sostanzjali huma biss marġinalment utili fil-kuntest legali-kostituzzjonali;

Saret ukoll enfasi fuq il-valur "storiku" tal-proprjeta` tar-rikorrenti. Proprjeta` li indubbjament kienet il-*venue* ta' avvenimenti politiċi importanti u li naturalment taħt dan l-aspett akkwistat valur intrinsiku. Valur li sal-lum hu ċertament apprezzat soġġettivament mir-rikorrenti u minn dik is-sezzjoni tal-popolazzjoni illi tqis l-avvenimenti li ġraw fiha b'mod posittiv imma li għad irid jiġi apprezzat oġġettivament mill-ottika ta' l-istudjuż indipendenti ta' l-istorja mal-medda taż-żmien. Anke dan l-aspett pero` hu ukoll marġinalment rilevanti għall-meritu tal-kawża u jinteressa biss semmai, meta l-Qorti tasal, jekk ikun il-każ, li tillikwida l-kumpens dovut skond it-talbiet tar-rikorrenti u anke biex jiġi stabbilit jekk il-proprjeta` tistax jew le titqies li kienet jew li hi r-residenza tar-rikorrenti;

Saret ukoll ħafna enfasi mir-rikorrenti kemm fil-ġbir tal-provi

kif ukoll waqt it-trattazzjoni fuq l-involviment personali ta' l-allura *General Manager* ta' l-EneMalta, Lawrence Ciantar. Ir-rikorrenti jaddebitaw lil din il-persuna r-responsabbilita` sħiħa ta' l-għażla tas-sit għall-*Power Station* u għad-deċiżjonijiet żbaljati, li skond huma saru fir-realizzazzjoni tagħha. Ġie aktar minn darba sottomess u dana mhux tant b'mod velat illi r-rakkomandazzjonijiet tas-Sur Ciantar lill-Gvern kienu influwenzati minn animosita` personali lejn ir-rikorrent Perit Mintoff u li dina kellha l-għeruq tagħha għall-inċident li s-Sur Ciantar kellu miegħu meta dan kien Prim Ministru. Din tista' tkun konvinzjoni personali tar-rikorrenti li l-Qorti ma tissindikax. Tali konvinzjoni pero` l-Qorti tqis ġust li tgħid li ma tirriżultax suffragata mill-provi li jekk xejn juru l-kontra anke mill-fatt inkontestat li s-sit fejn ġiet mibnija *l-Power Station* kien wieħed minn dawk indikati mill-istess Ciantar u esperti oħrajn lill-amministrazzjoni Laburista preċedenti f'Diċembru, 1986. Dan apparti, hu ovvju illi d-deċiżjoni li l-*Power Station* tinbena fejn fil-fatt inbniet ma ħadhiex Lawrence Ciantar. Ħadha l-Gvern u l-Gvern hu responsabbli għal dik id-deċiżjoni li ġiet esegwita minnu u mill-EneMalta. Dan hu rikonoxxut mill-istess rikorrenti li ċċitaw lill-Gvern u lill-EneMalta biex jirrispondu għall-allegata leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Lil Lawrence Ciantar ma ħarrkuhx. Dan l-aspett tal-vertenza hu ukoll għal kollox irrilevanti għall-meritu tal-kawża u ser jiġi skartat. Seta' kien rilevanti kieku l-bażi tal-lanjanza kostituzzjonali kienet tinkludi xi waħda mill-forom ta' diskriminazzjoni li kontra tagħhom il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jipprovdu protezzjoni u li allura l-vendikazzjoni personali setgħet, kieku ppruvata, tiġi identifikata bħala l-movent tagħha. Ir-rikorrenti pero` mhumiex jinvokaw ksur ta' din ix-xorta għalkemm mhux eskluż li bħala *leit motiv* tas-sottosmissjonijiet tiegħu r-rikorrent Perit Mintoff jindika li hu ġie vvittimizzat mill-avversarji politiċi tiegħu għaliex hu kien min hu;

Il-Qorti għandha fid-dawl tal-premess issa tidentifika bi preċiżjoni n-natura tal-lanjanza kostituzzjonali quddiemha. Din għandha neċessarjament tkun arġinata bit-talba tar-rikorrent li hi f'dawn it-termini:

"Li l-intimati kisru/illedew id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem kif ipprovdut fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif dispost fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif ipprovdut mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta";

*In extremis* u meta r-rikors kien diġa` tħalla għas-sentenza bħala ripensament waqt it-trattazzjoni, ir-rikorrenti ssottomettew illi ċ-ċirkostanzi tal-każ kif ippruvati jammontaw ukoll għall-ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan l-aspett jiġi kkunsidrat fi stadju ulterjuri f'din is-sentenza u finalment;

Jiġu issa elenkati b'mod skematiku dawk il-fatti fil-parti l-kbira *mhux ikkontestati u kollha sodisfaċentement ippruvati li huma* pertinenti u rilevanti għat-talba kif stabbilita:

Mhux ikkontestat illi l-amministrazzjoni preżenti immedjatament wara l-elezzjoni ta' l-1987 iddeċidiet li kien hemm il-ħtieġa urġenti li fil-pajjiż tinbena *Power Station* ġdida jekk kellha tiġi evitata fil-fehma tagħha kriżi gravi ta' enerġija fi żmien qasir;

Jirriżulta ppruvat u mhux ikkontestat illi l-ħtieġa li tinbena *Power Station* - waħda jew aktar - kienet ilha tinħass u tiġi kkunsidrata anke mill-amministrazzjoni preċedenti. Dana mhux biss fil-kuntest ta' *onward planning* li kull Awtorita` responsabbli għall-

enerġija fil-pajjiż neċessarjament trid attivament tikkunsidra imma ukoll biex tilqa' għal sitwazzjoni ta' kriżi li kienet ġa' sa minn dak iż-żmien qed tiġi prospettata;

Għalkemm hu fatt illi kemm l-amministrazzjoni preċedenti kif ukoll dik preżenti kkonduċew studji biex jiġu identifikati l-aħjar siti fejn tiġi mibnija *Power Station*, u li diversi siti kienu ġew ikkonsidrati u eżaminati, jirriżulta illi sa mill-1986 Delimara kienet ġiet issuġġerita bħala sit li joffri possibbilitajiet tajba. Anke jekk is-sit suġġerit f'Delimara dak iż-żmien ma kienx eżattament jikkorrispondi ma' dak fejn attwalment ġiet kostruwita imma kien ftit aktar 'il ġewwa. Dawn l-istudji jirriżulta li saru b'mod xjentifiku, b'konsulenza teknika estera ta' l-ogħla livell minn esperti li l-kredenzjali tagħhom ma ġewx ikkontestati minn ħadd - naturalment b'kollaborazzjoni mal-persuni kompetenti u esperti fl-EneMalta;

Jirriżulta illi Delimara kienet waħda minn diversi alternattivi u li almenu fil-fehma ta' l-EneMalta u tas-Sur Ciantar personalment ma kinitx għal ħafna żmien meqjusa bħala sit ideali. Infatti għal ħafna żmien l-EneMalta kienet qed tinsisti illi fil-fehma tagħha l-aħjar sit kien f'Bengħajsa. Eventwalment wara li ġew ikkunsidrati l-elementi kollha tekniċi u meqjusa r-*risk factors* involuti konsegwenzjali għall-posizzjoni tal-*Power Station* in relazzjoni mar-*runway* ta' l-*airport* u l-*flypath* ta' l-ajruplani - ċirkostanzi dawn ta' interess kbir mil-lat tekniku imma għal kollox irrilevanti għal dan ir-rikors - il-Gvern iddeċieda illi jibni l-*Power Station* fis-sit li attwalment qed tokkupa;

Hu stabbilit li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond "L-Għarix" fi Triq Delimara, Marsaxlokk u li kienu ilhom hekk proprjetarji għal bosta snin. Allura anke fl-1986 *meta* l-

amministrazzjoni ta' allura kellha quddiemha proposti li hemm tinbena l-*Power Station*;

Fid-9 ta' Ottubru, 1987, l-Aġent President ta' Malta ħareġ dikjarazzjoni bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għall-skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u in forza ta' l-artikolu 7 ta' l-istess Ordinanza ddikjara illi art f'Marsaxlokk "għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li possibbilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku". Ma' din id-dikjarazzjoni kien hemm deskrizzjoni tat-territorju milqut u pjanta li kienet tinkludi fil-konfini sottolineat illi din id-dikjarazzjoni ma kinitx ordni ta' esproprjazzjoni imma biss kienet tagħti lill-Kummissarju ta' l-Art il-fakolta` li jidħol fit-territorju u jagħmel dan l-eżami meħtieġ in vista tal-ħsieb iddikjarat tal-Gvern li l-art kienet ser tiġi "possibbilment akkwistata" għal fini pubbliku;

Fit-18 ta' April, 1998, b'Avviż Legali 294, l-Aġent President ħareġ ordni ta' esproprjazzjoni għall-akkwist ta' art f'Marsaxlokk b'titolu ta' xiri assolut billi l-art kienet "meħtieġa mill-Awtorita` kompetenti għal skop pubbliku" skond il-Kap. 136. Id-deskrizzjoni ta' l-art u l-pjanta annessa ma' l-Avviż Legali kienet teskludi l-proprjeta` tar-rikorrent in kwantu ġiet speċifikata fil-konfini illi r-riħ tal-Lvant u tal-Grigal tat-territorju esproprjat kien format minn triq pubblika eżistenti waqt li l-fond tar-rikorrent kien sitwat oltre dik it-triq;

Il-*Power Station* inbniet. Il-Qorti għamlet aċċess u kkonstatat is-segwenti fatti li ġustament trid tinnota:

Il-fond tar-rikorrent indubbjament hu intiż u użat għall-fini ta' abitazzjoni. Hu ovvju ukoll li l-fond hekk kien regolarment użat

mir-rikorrent. Dan apparti jekk kienx jew le r-residenza ordinarja tiegħu jew jekk hekk jistax jitqies li hu;

Ma hemmx dubbju illi l-fond kien igawdi - sakemm inbniet il-*Power Station* - posizzjoni ta' sbuħija naturali kbira u invidjabbili. Oasi ta' ġmiel fejn wieħed seta' jikkomunika fis-skiet u trankwillita' man-natura. Illum bħala konsegwenza diretta tal-bini tal-*Power Station* dan hu - almenu fuq in-naħa fejn din inbniet oltre t-triq - għal kollox u b'mod irriversibbli rrovinat;

Biżżejjed jingħad illi estensjoni kbira ta' raba' fil-promontorju kellha tiġi skavata sal-livell tal-baħar biex jinħoloq il-fondoq li fih inbniet il-*Power Station*. Il-ħsara ekoloġika hi ovvjament irrimedjabbli u irriversibbli, di piu' iċ-ċumnija massiċċa tal-*Power Station* tiela' għall-għoli ta' 250 metru proprju quddiem il-faċċata tal-proprjeta' tar-rikorrenti u ftit metri l-bogħod minnha. Dan għaliex bejn din il-proprjeta' u l-*Power Station* hemm biss jaqsam mat-tul kollu l-wisgħa tat-triq pubblika ta' mhux aktar minn 15-il pied;

Apparti l-aspett estetiku viżiv li diġa' waħdu hu deprimenti għall-aħħar hemm żewġ fatturi oħra ambjentali li jinċidu negattivament u b'mod assolut fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti. L-ewwel fattur huwa l-ħsejjes kbar li *Power Station* ta' din ix-xorta u kobor bilfors tiġġenera, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u li jirrendu impossibbli li wieħed jabita ġo bini daqshekk viċin għaliha. Aktar gravi huwa l-emmissjoni ta' gassijiet tossiċi u emissjonijiet oħra li regolarment joħorġu miċ-ċumnija tal-*Power Station*. Il-Qorti kellha okkażjoni tikkonstata personalment illi l-partijiet esterni tal-fond esposti għall-arja kienu kompletament miksija bi dbabar kulur sadid. Ir-rikorrenti esibew mar-rikors relazzjoni tal-Professur Alfred J. Vella

dwar il-komposizzjoni kimika ta' daw id-dbabar u l-effett tagħhom fuq is-saħħa u fuq il-kostruzzjoni. Veru li dan hu rapport *ex parte*, anke jekk il-kontenut tiegħu ġie bil-ġurament ikkonfermat quddiem il-Qorti. Pero' sewwa li jiġi rrilevat illi l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport ma ġewx ikkontestati mill-intimati u l-Qorti ma tarax għax m'għandhiex, almenu fis-sustanza, taċċetta r-riżultanzi xjentifiċi tiegħu bħala korretti. Ir-relazzjoni tikkonstata dak li hu ovvju anke għal min hu profan u ċjoe' illi dawn id-dababar kulur sadid huma konsegwenza ta' emissjonijiet mill-*Power Station*. Jgħid fir-rapport:

"Wet chemical tests showed that the brown material in all the samples where it was present contained ferric iron in an insoluble form.

It appears that the Mintoff residence "L-Għarix" is within the area affected by the precipitation of heavy iron laden particles originating from the *Power Station*.

The most likely impact to be observed first from this type of attack would be an increased rate of corrosion of steel, aluminium and copper fixtures attached externally to the building. The limestone bricks of the building itself are also prone to attack by the sulphuric acid mist although Reporter is of the opinion that visible effects from this attack would not become apparent for some years.

Reporter is of the opinion that residents of "L-Għarix" and nearby buildings are <u>probably</u> experiencing episodes of atmospheric pollution due to gaseous and particulate matter originating from the *Power Station* which <u>may be</u> conducive to adverse health effects";

Il-fond tar-rikorrenti sofra xi ħasarat strutturali bħala konsegwenza diretta tal-bini tal-*Power Station* pero' dawn ma jinkwadrawx ruħhom fil-lanjanza kostituzzjonali u r-rikorrenti jaqblu li f'dan ir-rigward huma kellhom u għad jista' għandhom rimedji oħra adegwati taħt il-liġi ordinarja;

Minn mindu nbniet il-*Power Station* ir-rikorrenti ma baqgħux jabitaw fil-fond. Huma jsostnu illi ċ-ċirkostanzi negattivi li nħolqu ma kinux jippermettulhom li jagħmlu dan. Huma baqgħu proprjetarji tal-fond in kwantu l-fond ma ġiex esproprjat mill-Gvern għall-skopijiet pubbliċi;

Irid jiġi rreġistrat illi l-Kamra tar-Rappreżentanti approvat din il-mozzjoni dwar il-bini tal-*Power Station* fit-30 ta' Marzu, 1988;

"Billi hemm il-ħtieġa li tinbena *Power Station* li taħseb għall-bżonnijiet ta' enerġija li jitlob l-iżvilupp mistenni fil-pajjiż kemm fis-setturi kollha ta' l-ekonomija kif ukoll fil-livell ta' l-għixien tal-poplu Malti;

Billi l-*Power Station* tal-Marsa ma tistax titkabbar u diġa' qiegħda tniġġeż b'mod mhux aċċettabbli l-ambjent f'lokal densament abitat;

Billi l-*Power Station* għandha tinbena f'lokal li jkun adattat għall-effiċjenza ta' l-istess *Power Station* għandha tiġi evitata kull ħsara lis-saħħa tan-nies, u sakemm hu possibbli, għandu jitħares l-ambjent;

Din il-Kamra wara li rat id-dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Prim Ministru fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 1988:

Tinnota li ż-żewġ inħawi li fihom għal raġunijiet tekniċi tista' tinbena l-*Power Station* huma: jew fuq in-naħa tal-Port ta' Marsaxlokk viċin it-tarf tar-*runway* jew fuq in-naħa l-oħra tal-Port ta' Marsaxlokk f'Delimara;

Tqis li l-*Power Station* m'għandhiex tinbena *f'lokal li* huwa viċin it-tarf ta' *runway* ta' l-ajruport għaliex dan joħloq perikolu ta' inċidenti li jistgħu jheddu l-ħajja kemm tan-nies li jaħdmu fil-*Power Station* kif ukoll tan-nies li jkunu fuq ajruplani li jitilgħu u jinżlu fl-istess *runway*, minbarra li jkun hemm perikolu għall-*Power Station* stess;

Tqis ukoll li l-bini ta' *Power Station* kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, inaqqas serjament l-effiċjenza ta' l-uniku ajruport f'Malta bi ħsara kbira għall-ekonomija tal-pajjiż u b'mod partikolari għas-settur tat-turiżmu;

Tiddeċidi li l-aħjar lokal, meħuda in konsiderazzjoni l-aspetti kollha, fejn għandha tinbena l-*Power Station* huwa fl-inħawi magħrufa bħala ta' l-Inġinier, f'Delimara";

Il-mozzjoni qed tiġi riprodotta mhux tant għaliex tagħti l-ġustifikazzjoni ta' l-amministrazzjoni għaliex ġie deċiż li l-*Power Station* tinbena fejn fil-fatt inbniet imma *għaliex hu rilevanti għall-*fini ta' trattazzjoni legali li l-post fejn inbniet ġie approvat b'Att tal-Parlament li ddestinah għall-kostruzzjoni tagħha;

Konsiderazzjonijiet ta' dritt fuq l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

Anke f'dan il-Qorti jeħtiġilha tarġina l-konsiderazzjonijiet tagħha għal dak li hu strettament meħtieġ għall-meritu preċiż taħt eżami. Altrimenti tispiċċa biex tintilef f'dissertazzjoni akkademika interessanti imma bla fini li tkun biss marġinalment rilevanti. F'dan l-eserċizzju l-Qorti jeħtieġilha tkun skematika u żżomm quddiem għajenjha dawk il-punti kardinali li jiddeterminaw il-*fattispeċje* partikolari tal-każ;

Mhux ikkontestat li l-Gvern għandu d-dritt - taħt ċertu aspett obbligu - li jibni *Power Station* biex jassigura l-enerġija lill-popolazzjoni. M'hemmx dubbju illi proġett ta' din *il-portata* kkunsidrat ukoll illi dan kien maħsub biex ikun is-sors prinċipali kważi uniku ta' enerġija fil-pajjiż, hu fl-interess pubbliku. Ir-realizzazzjoni u t-tħaddim tiegħu *pursues a legitimate aim in the interests of the economic well being of the country*. Hu ukoll stabbilit illi t-tħaddim ta' *Power Station* neċessarjament tikkrea inkonvenjent fl-inħawi fejn tkun sitwata apparti li ovvjament tagħmel ħsara lill-ambjent. Inkonvenjent u ħsara li jistgħu jiġu mtaffija u minimizzati billi jittieħdu miżuri approprijati imma mhux eliminati. "The consequential negative impact (of the project) on the environment could not be entirely eliminated" (**Powell and Rayner** - 21st February, 1990 - series A No. 172);

Mhux ikkontestat illi hu l-Gvern li għandu jkun l-arbitru finali ta' fejn l-aħjar *kellha tiġi sitwata l-Power Station* u *kif kellha tiġi* ġġenerata l-enerġija elettrika meħtieġa għall-ġid komuni. Għal dan il-fini l-interessi tal-privat għandhom u kellhom neċessarjament iċedu quddiem l-interess suprem ġenerali tal-kollettivita'. Il-Gvern hu pjenament fid-dritt tiegħu li, jekk meħtieġ, jesproprja l-proprjeta' taċ-ċitaddini għal dan il-fini pubbliku. Dritt universalment rikonoxxut. Ħadd mhu qed jikkontesta għalhekk il-*validita'* ta' l-

Ordni ta' Esproprjazzjoni tal-proprjeta' li fuqha attwalment ġiet mibnija l-*Power Station*. Art esproprjata għall-skopijiet pubbliċi skond il-liġijiet tal-pajjiż mingħand sidien li għandhom id-dritt li jiġu kompensati għat-teħid tagħha. "Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjeta' tiegħu jew iħalli lil ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku u bil-ħlas ta' indennizz ġust" (artikolu 321 tal-Kodiċi Ċivili);

Dan id-dritt għall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens li ċ-ċittadin Malti kien igawdi taħt il-Kodiċi Ċivili ġie kkonsagrat għal dritt fondamentali ta' l-individwu fl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid testwalment:

"Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbigatorju ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist:

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq";

Dritt li ġie rrikonoxxut fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja - illum Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta - li jistipula *inter alia* li:

"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet ipprovduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-Liġi Internazzjonali";

Hu ċar mill-premess illi l-każ taħt eżami ma kien jippreżenta l-ebda diffikolta' li kieku l-proprjeta' tar-rikorrenti kienet ġiet

inkluża fit-territorju li ġie attwalment esproprijat bl-Avviż ta' Esproprjazzjoni fuq iċċitat;

Il-fatt li l-proprjeta' ġiet intenzjonatament u appożitament eskluża ikkrea sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti qegħdin ġustament jilmentaw li qed ibatu konsegwenzi negattivi gravi bħala effett dirett tal-bini tal-*Power Station* tal-grad tali li ma jippermettulhomx igawdu l-proprjeta' tagħhom b'mod assolut mingħajr ma huma intitolati għall-kumpens li kienu jkunu intitolati għalih skond il-liġijiet tal-pajjiż kieku l-proprjeta' ġiet esproprijata;

Minn *dan johroġ li:*

Ir-rikorrenti baqgħu u għadhom *proprjetarji* tal-fond;

Huma qed jiġu mċaħħda mill-użu u t-tgawdija ta' l-istess proprjeta' bħala konsegwenza diretta ta' deċiżjoni amministrattiva ġusta in kwantu ttieħdet fl-interess pubbliku mingħajr ma huma intitolati għal kumpens xieraq għal dan *it-telf*;

Ir-rikorrenti infatti jissottomettu illi huma ġew assoġġettati għall-esproprjazzjoni *de facto.* Sitwazzjoni li timponi fuqhom l-oneri estremi tat-teħid tal-proprjeta' tagħhom in kwantu huma mċaħħda mill-użu tagħha bla ma tagħtihom il-benefiċċju tal-kumpens;

*Jingħad minnufih li* l-Qorti waslet għall-konvinċiment mill-provi illi l-każ taħt eżami hu wieħed estrem fis-sens illi ċ-ċaħda ta' l-użu u t-tgawdija li qed isofru r-rikorrenti hi tista' tgħid assoluta. F'dan is-sens il-kompitu tal-Qorti - anke mill-aspett legali - hu xi ftit simplifikat. Dan għaliex l-indħil fid-dritt ta' tgawdija tar-

rikorrenti għall-proprjeta` tagħhom hu tant gravi illi jirrendi l-istess proprjeta` għal kollox inadatta għall-iskop ta' abitazzjoni li għaliha kienet u hi intiża. Mhux biss. Il-valur ekonomiku tal-proprjeta` - apparti dak storiku li jispetta lill-Gvern u lill-posterita` li jivvalutaw - ġie ażżerat sal-punt tali li difficilment wieħed jista' jimmaġina li għad fadallha xi valur kummerċjali rilevanti. Bħala konsegwenza diretta tal-*Power Station* ma hemmx dubbju li l-proprjeta` tilfet kważi għal kollox il-valur oġġettiv tagħha u b'mod assolut il-valur soġġettiv tagħha għar-rikorrenti li ma jistgħux jibqgħu jużawha għall-iskop ta' abitazzjoni li għaliha kienet maħsuba u regolarment użata. F'dan is-sens il-kwalita` tal-ħajja tar-rikorrenti ġiet avversament u b'mod gravi affetta. Għall-kull fini u effett allura l-attributi intrinsiċi tal-proprjeta` bħala bini u l-karatteristiċi tal-proprjeta` bħala *ownership* ġew irrimedjabbilment ippreġudikati;

"In the absence of a formal espropriation that is to say a transfer of ownership, the Court considers that it must look behind the appearances to investigate the realities of the situation complained of ... Since the Convention is intended to guarantee rights that are "practical and effective" it has to be ascertained whether that situation amounted to a *de facto* espropriation" (**Sporrong & Lonnroth *vs* Sweden** - 18/12/94 - Series A No. 88);

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-estremi ta' esproprjazzjoni *de facto* jokkorru fil-każ taħt eżami. Tifhem ukoll illi l-fatt illi l-proprjeta` tar-rikorrenti kienet ġiet intenzjonatament eskluża mill-esproprjazzjoni formali kienet deċiżjoni ddettata minn strateġija politika maħsuba biex tilqa' għall-għagħa u disgwid li setgħu qamu kieku l-Gvern esproprja l-proprjeta` ta' persuna mill-aktar prominenti fil-Partit fl-Opposizzjoni. Jirriżulta ukoll illi l-effetti negattivi gravi tal-*Power Station* fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti mhux

biss huma inevitabbli - anke jekk uħud minnhom setgħu kienu rimedjabbli *pero'* *bi spiża* kbira u projbittiva - imma kienu ukoll prevedibbli, jiġifieri l-Gvern kien konxju tal-fatt illi bħala konsegwenza tal-proġett li kien ser isir għall-ġid komuni l-proprjeta' tar-rikorrenti kienet ser tiġi reża prattikament bla valur. Kien ċar għalhekk li f'sitwazzjoni normali l-prudenza u r-raġuni kienu jiddettaw *illi din* il-*proprjeta'* tiġi ukoll formalment esproprjata;

Dawn is-siltiet mit-trattazjoni jitfgħu dawl fuq l-espedjent politiku ta' nuqqas ta' esproprjazzjoni;

*Ir-rikorrenti* hekk issottomettew:

"Għaliex il-Gvern ma ħadhielix; għax il-Gvern seta' jeħodhieli u jikkompensani. Kieku l-Gvern esproprjali l-proprjeta' tiegħi kif forsi kien intiż oriġinarjament, jiena kont nieħu kumpens u mbagħad (jekk) *ma naqbilx ma'* dan il-kumpens, hija kwistjoni oħra, għax hemm il-proċeduri *quddiem* Qorti kompetenti. Imma l-Gvern ma ħadlix l-art, ma ħadlix id-dar tiegħi";

L-intimati hekk jirrispondu:

"Mela *li kieku* kien hemm *a formal espropriation* donnu n-naħa l-oħra tagħtina x'nifhmu illi l-binarju kien ikun totalment differenti ... Li kieku kien hemm l-esproprjazzjoni formali, kif sa ċertu punt donnu ippretendiet dik in-naħa ... kienet tieqaf hemm l-istorja? Jew kien ikun dan l-aħħar musmar ta' l-allegazzjoni *illi* kollox sar b'*vendikazzjoni* għar-rikorrent minħabba hu min hu r-rikorrent?

Allegazzjoni ta' vendikazzjoni li r-rikorrenti diffiċilment

jistgħu jirrikonċiljaw mal-fatt minnhom stess irrilevat illi persuni f'karigi għolja fl-amministrazzjoni għamlu anke jekk *informalment* sforzi notevoli biex jaslu għal ftehim magħhom barra mill-Qorti fuq din il-materja. Vendikazzjoni li l-Qorti ma tirriskontrax mill-provi anke jekk mhux eskluż - għax din hi l-meskinita` umana - illi jkun hemm min mogħmi b'partiġġjaniżmu sfegatat ħa gost morbuż fl-isfortuna tar-rikorrenti u forsi anke b'dan il-fini ttanta jsaħħaħ il-fehma ta' l-esekuttiv fid-deċiżjoni tiegħu. Kif lanqas tirravviża l-estremi tad-diskriminazzjoni fis-sens strett illi kieku kienet persuna oħra, il-probabbilita` kbira kienet tkun li l-Gvern kien jesproprja l-proprjeta` tiegħu u forsi allura r-raġuni ta' konvenjenza politika għaliex il-proprjeta` ma ġietx esprorpjata. Ma tifhimx pero` kif fiċ-ċirkostanzi, l-intimati qed isotnu illi l-bini tal-*Power Station* ma kellux l-effetti gravi fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti li rrendew l-użu u t-tgawdija tagħha għall-iskop li għalih kienet iddestinata manifestament prattikament impossibbli;

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti tikkonkludi illi tirriżulta vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap. 319). Dan l-artikolu li għalih ġa` saret in parte referenza jgħid testwalment:

"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kondizzjonijiet ipprovduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali";

"Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod

naqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni";

Dan l-artikolu, fil-fehma tal-Qorti, jiddifferixxi b'mod immarkat mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex, kuntrarjament għal dak, jiddikjara "it-tgawdija paċifika tal-possedimenti" bħala dritt fondamentali b'mod espliċitu, esiġibbli u li l-ksur tiegħu jimporta l-obbligu ta' rimedju adegwat. Hu veru illi, kif hu l-każ ta' drittijiet oħra sostantivi ggarantiti mill-Konvenzjoni - ukoll mill-Kostituzzjoni - l-Istat jista' jirrestrinġi dan id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta`, pero` dan jista' jagħmlu biss fl-interess pubbliku u soġġett għall-kondizzjonijiet ipprovduti fil-liġi li jinkludu ukoll id-dritt għall-kumpens adegwat;

L-artikolu jenunċja qabel xejn liema hu d-dritt fondamentali u ċjoe` li l-persuna għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-posseddimenti tagħha. Dritt li l-Kodiċi Ċivili jiddikjara ukoll fl-artikolu 320 li jiddefinixxi l-proprjeta` skond id-dottrina Rumana: *jus utendi et abutendi*. "Il-proprjeta` hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut basta li bihom ma jagħmilx użu pprojbit mil-liġi";

Wara li jenunċja d-dritt fondamentali l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni jipprovdi li ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku kif ukoll jipprovdi l-artikolu 321 tal-Kodiċi Ċivili u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ġie llum stabbilit fil-ġurisprudenza illi l-espropjazzjoni *de facto* titqies li tammonta għall-privazzjoni fit-termini ta' dan l-artikolu. Il-Qorti tmur oltre għax tifhem illi n-nuqqas ta' tgawdija paċifika ma tistax dejjem tiġi ekwiparata ma' privazzjoni tal-possedimenti għalkemm

il-privazzjoni timporta u tippresupponi nuqqas ta' tgawdija. L-Istat għandu dritt fl-interess pubbliku jespropnja l-proprjeta` pprivata *formalment jew de facto sakemm jagħti kumpens xieraq skond il-liġijiet tal-pajjiż.* Infatti l-artikolu ma jispeċifikax b'liema mod tista' ssir tali esproprjazzjoni. Għandu ukoll dritt l-Istat li jwettaq liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess ġenerali. Iżda jekk ma jagħżel la triq u lanqas oħra u bl-aġir tiegħu jiddisturba b'mod sostanzjali u gravi lill-individwu fit-tgawdija tal-possedimenti tiegħu b'mod li jipprivah mit-tgawdija paċifika tagħhom allura jkun qed jivvjola dan id-dritt fondamentali u jeħtieġ jirrimedja għal tali vjolazzjoni. Anke jekk l-aġir ta' l-Istat hu mmotivat mill-interess ġenerali u għal skop pubbliku;

*Din l-interpretazzjoni* biss tista' tiġġustifika l-mod kif ġie redatt l-artikolu. Altrimenti ma kienx ikun hemm skop għall-ewwel sentenza li tenunċja d-dritt fondamentali. *Din l-interpretazzjoni* ssib sostenn f'numru ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja li kienu jittrattaw każijiet fejn ma kienx hemm esproprjazzjoni formali u lanqas sewwa sew esproprjazzjoni *de facto* imma fejn irriżultaw ċirkostanzi ta' inkonvenjent tant gravi li serjament ippreġudikaw lill-individwu fit-tgawdija paċifika tal-proprjeta` tiegħu;

"However the three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with *particular instances of intereference with the right to peaceful* enjoyment of property and <u>should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule</u>" (**Litgow and Others *vs* U.K.** 8th July, 1987 - Series A No. 102);

It-tieni u t-tielet regola għalhekk mhumiex <u>esklussivi</u> tal-

każijiet kollha ta' vjolazzjoni ta' dan id-dritt fondamentali. Huma regoli li *jipprovdu* għal sitwazzjonijiet partikolari ta' *interferenza* li kienu *ovvjament jeħtieġu* regolament speċifiku imma dan bl-ebda mod ma jippreġudika l-validita' tad-dritt fondamentali kif espress b'mod ġenerali;

"The applicant complained to the Commission of the noise and vibration nuisances caused by Heathrow Airport and submitted that he was a *victim* of a violation of his right to respect for his family life and home enshrined by article 8 of the Convention <u>and of his property rights enshrined by article 1 of Protocol No. 1</u>;

The Commission declared admissible the applicant's complaints that aircraft noise nuisance "amounts to a violation of *his rights*" as *submitted by him*" (Application No. 9310/81 - **Bags** *vs* UK);

Issa hu minnu kif ġie sottomess mill-intimati illi fl-interpretazzjoni tal-frażi "tgawdija paċifika" (*peaceful enjoyment*) kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Qorti Ewropeja jiddistingwu bejn *in-nozzjoni* ta' privazzjoni ta' possedimenti u l-kontroll ta' l-użu tagħhom mill-*Istat*. Kontroll li l-Istat kien pjenament intitolat li jagħmel skond l-istess artikolu. Jista' f'dan ir-rigward l-Istat iwettaq <u>dawk il-liġijiet</u> li jidhirlu xierqa. Fil-każ taħt eżami sar Att tal-Kamra tar-Rappreżentanti permezz ta' mozzjoni debitament approvata li stabbiliet li l-*Power Station* kellha tinbena fejn fil-fatt inbniet. Għalkemm dan l-att ċertament jiġġustifika t-teħid ta' l-art eventwalment esproprjata ma jistax jingħad li hu att leġislattiv li "<u>jikkontrolla l-użu tal-proprjeta'</u>" tar-rikorrenti skond l-interess ġenerali. Jekk xejn il-proprjeta' tar-rikorrenti ġiet avversament u gravament affetta minn dak l-att leġislattiv li ddestina proprjeta'

oħra għal skop pubbliku;

F'dan il-kuntest il-Qorti tirrifletti illi għad hemm lok għal studju approfondit tal-valur soċjali tal-proprjeta` privata u tal-parametri li fiha għandha titħalla topera u sa liema fini din il-proprjeta` privata għandha tkun assoġġettata għall-ġid komuni. Dan ukoll fis-sens li mhux ġust illi uħud jiġu mġiegħla li jagħmlu fronti bil-proprjeta` privata tagħhom għal bżonnijiet soċjali tal-komunita` li tispiċċa tibbenefika a skapitu u spejjeż tagħhom. Mhux sewwa għalhekk li l-proprjeta` tar-rikorrenti waħedha tiġi ppreġudikata u li l-istess rikorrenti jiġu mċaħħda mit-tgawdija paċifika tagħha biex il-pajjiż ikollu proviżjoni adegwata ta' enerġija mingħajr ma jiġu kkompensati għal tali preġudizzju;

F'pajjiżi oħra fejn is-sensibilita` soċjali għad-drittijiet fondamentali hi aktar immarkata, l-Istat jieħu ħsieb biex jinvestiga minn qabel l-effett tal-miżuri li jkun ser jieħu għall-ġid komuni u jirrimedja leġislattivament biex jiġi evitat li l-individwu jiġi assoġġettat għall-inkonvenjenti gravi bħala konsegwenza tal-proġetti pubbliċi kbar jew ta' l-introduzzjoni ta' xi miżuri leġislattivi ġodda. Maħsuba biex jibbenefikaw mill-kollettivita` imma li bl-attwazzjoni tagħhom inevitabbilment ikunu ser iċaħħdu jew gravament jippreġudikaw lill-individwu jew grupp żgħir ta' individwi mit-tgawdija tal-possedimenti tagħhom. Tali rimedji jtaffu l-impatt ta' l-oneru impost fuq dawn l-individwi u proporzjonatament inaqqsu l-gravita` tal-leżjoni tad-dritt fondamentali anke sal-punt li jinnewtralizzawha. Dan hu ukoll sewwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza Ewropeja (**Powell *vs* Raynar** - 21st February, 1990 - Application Number 3/1989);

"The notion of "public interest" is necessarily extensive...

the decision to enact laws expropriating property will certainly involve considerations of political, economic and social issues on which opinions within a democratic country may reasonably differ widely. The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgement as to what is "in the public interest" unless that judgement be manifestly without reasonable justification" (**Hames Case** - 1986 - Series A No. 98);

Pero` ġie ġustament ritenut illi filwaqt illi l-Istat għandu diskrezzjoni wisgħa biex jiddetermina x'inhu fl-interess pubbliku - u f'dan ir-rigward indubbjament kellu kull dritt jiddetermina fejn kellha tinbena l-*Power Station* - kellu dejjem juża sens ta' proporzjon bejn l-interess pubbliku u kif dan kien ser jaffettwa l-individwu speċjalment meta l-piż ta' tali deċiżjoni ma tkunx ser tiġi ssopportata mill-komunita` jew parti sostanzjali tagħha imma minn individwu jew grupp żgħir ta' individwi;

"In its judgements the Court has introduced the concept of proportionally stating that some notion of fair balance should be struck between the demands of the general interests of the community and the requirements of the individual's fundamental rights. It cannot find this balance if the person concerned has had to bear ... <u>an individual and excessive burden</u>" (**Sporrong and Lonnroth *vs* Sweden** - ġa` ċċitat);

Huwa dan it-test li l-aġir li minnu jillamentaw ir-rikorrenti jfalli. L-intimati nfatti ma jistgħux validament jiġġustifikawh għaliex huma għażlu li jiddiskriminaw kontra r-rikorrenti billi jċaħħduhom mid-dritt ta' kumpens xieraq għall-preġudizzju li soffrew fit-

tgawdija paċifika tal-proprjeta` tagħhom meta naqsu li jinkludu din il-proprjeta` fl-esproprjazzjoni li saret skond il-liġi għall-art biex jinbena l-proġett. Bħala konsegwenza diretta ta' dan in-nuqqas inħoloq dak l-iżbilanċ ta' proporzjonalita` bejn l-interessi tas-soċjeta` u dawk ta' l-individwu li jammonta għall-ksur tad-dritt fondamentali fit-termini ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll;

Stabbilit li l-aġir ta' l-intimati jikkostitwixxi ksur ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jidhirx li hemm wisq skop għall-Qorti li tindaga jekk tali aġir jivvjolax ukoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni in kwantu dan l-aħħar provvediment hu wkoll maħsub biex jipproteġi l-individwu "minn *privazzjoni ta' proprjeta` bla kumpens". Anke għaliex hu ovvju illi* r-rimedju f'kull każ ikun wieħed u l-istess;

Tillimita ruħha għas-segwenti konsiderazzjonijiet:

Id-dritt fondamentali għall-proprjeta` mhux biss, kif ġa` fuq aċċennat, mhux wieħed assolut imma ġie ppercepit b'mod divers tul iż-żminijiet skond konċessjonijiet diversi ta' politika soċjali u ideoloġiji. Fost id-drittijiet fondamentali hu forsi l-inqas wieħed universalment u uniformement aċċettat u kien għalhekk illi ma ġiex oriġinarjament iddikjarat fil-Konvenzjoni Ewropeja fuq id-Drittijiet Umani. Id-dritt għall-proprjeta` kien u għadu suxxettibbili għat-taqlib u modifiki kontinwi skond il-kundizzjonijiet politiċi/soċjali prevalenti minn żmien għal żmien pero` illum ħadd ma jikkontesta illi d-dritt għall-proprjeta` ta' l-individwu huwa soġġett għall-interess pubbliku u għall-ġid tal-kollettivita` fil-parametri stabbiliti bil-liġi;

Mhux il-leġislazzjonijiet kollha jittrattaw bl-istess mod id-

dritt ta' proprjeta` anke jekk il-prinċipji bażiċi applikabbli huma llum uniformement aċċettati f'soċjetajiet demokratiċi. Hekk per eżempju l-*Basic Law* għar-Repubblika Federali Tedeska - artikolu 14 - mhux biss jiddikjara illi "Property and the right of inheritance shall be guaranteed. Their substance and limits shall be determined by law" imma jiddikjara ukoll li "Property entails obligations. Its use should also serve the public interest". Provvediment kostituzzjonali dan li jibbilanċja l-garanzija tal-jedd tal-proprjeta` ma' l-obbligu ta' min jippossjediha li jassoġġettaha għas-servizz ta' l-interess pubbliku, naturalment dejjem in rispett tal-liġi u bi dritt għall-kumpens xieraq;

Il-Kostituzzjoni ta' Malta għandha approċ divers għad-dritt tal-proprjeta`. Fl-artikolu 32 hi telenka fost id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali ta' l-individwu "it-tgawdija ta' proprjeta`. Dan id-dritt fondamentali li l-individwi kollha b'mod indiskriminat għandhom, igawdi l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni pero' hu soġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-oħrajn u ta' l-interess pubbliku";

Dan l-artikolu hu pero' wieħed dikjaratorju u jidher li t-twettiq tiegħu fir-rigward tad-dritt ta' proprjeta` hu limitat għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 fuq ċitat li l-vjolazzjoni tiegħu tagħti lok għal rimedju kostituzzjonali. Jidher għalhekk li kuntrarjament għad-dikjarazzjoni tal-prinċipju fl-ewwel sentenza ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-artikolu 32 li jiddikjara d-dritt għall-proprjeta` b'mod ġenerali mhux *ut sic* inforzabbili f'xi Qorti. Infatti s-subinċiż 1 ta' l-artikolu 46 jipprovdi illi jagħti biss lok għal rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jista' biss jintalab rimedju għalihom fil-każijiet ta' vjolazzjonijiet taħt l-artikoli 33 sa 45;

Dan ifisser illi biex ir-rikorrenti jkollhom suċċess fis-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huma jridu *sodisfaċentement* jippruvaw li l-fatti kif ippruvati u li din il-Qorti stabbiliet li jilledu l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jinkwadraw ruħhom fl-estremi tas-subinċiż 1 ta' l-artikolu 37 aktar 'il fuq riprodott. Issa huwa veru illi dan is-subinċiż hu redatt forsi b'mod aktar estensiv *mill-artikolu korrispondenti* fil-Konvenzjoni u f'termini aktar wesgħin. Pero` l-artikolu jagħti protezzjoni ta' dan id-dritt fondamentali billi jistipula li "ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma għandu *jittieħed pussess* tagħha <u>b'mod obbligatorju</u> .... ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' permess jew akkwist għal ħlas ta' kumpens xieraq". Issa hu diskutibbli kemm hu possibbli f'dawn it-termini li wieħed *jinkwadra l-każ taħt eżami fejn iċ-ċirkostanzi* tal-vjolazzjoni tad-dritt għat-tgawdija paċifika *huma fl-aħjar ipotesi* għar-rikorrenti ekwiparati għal-esproprjazzjoni *de facto* u fil-pessima ipotesi għal disturb gravi tat-tgawdija paċifika li jippreskludi lir-rikorrenti prattikament b'mod assolut milli jagħmlu użu mill-possedimenti tagħhom għall-iskop li għalih huma intiżi. Disturb li verament jelimina l-possibbilita` fiżika u materjali tat-tgawdija b'mod tista' tgħid permanenti pero` dan mhux bħala effett dirett ta' xi att leġislattiv jew esekuttiv li jolqot il-fond direttament;

Issa l-ġurisprudenza rritentiet illi l-artikolu 37 mhux biss hu applikabbli fil-każ ovvju ta' esproprjazzjoni formali imma ukoll fil-każ ta' miżuri oħra li jikkwalifikaw bħala esproprjazzjoni *de facto* li jiddiminwixxu l-attributi tal-proprjeta` ta' l-individwu. Miżuri li pero` jkunu ttieħdu jew li jkunu saru bis-saħħa ta' xi liġi. Dawn jinkludu esproprjazzjoni b'titolu ta' *use and possession* jew fuq *public tenure* u l-poter ta' rekwiżizzjoni ta' proprjeta`. (Ferro *vs* **Housing Secretary** - Qorti Kostituzzjonali - *21 ta' Frar, 1977;*

**Catherine Mercieca** *et vs* **Commissioner of Lands** - Appell - 5 ta' April, 1991; **Joseph Camilleri** *vs* **Minister of Justice** *et* - Qorti Kostituzzjonali - 13 ta' Frar, 1976 u ukoll **William Tanti Bellotti** *vs* **Joseph A. Gasan** *et noe* - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - 27 ta' Ġunju, 1995);

Il-Kostituzzjoni titkellem minn teħid ta' pussess furzat b'mod obbligatorju. Diċitura li waħedha mingħajr referenza għad-dritt ta' tgawdija paċifika fiha innifsu donnu jimplika li biex tiġi estiża l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm privazzjoni ta' proprjeta' u din tkun effett *dirett* ta' xi att ta' l-Istat u mhux biżżejjed li jkun hemm privazzjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika bħala rifless ta' tali att;

In konklużjoni l-Qorti waslet għall-konvinċiment li waqt li l-fatti ppruvati indubbjament jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux daqstant ċar jekk dawn l-istess fatti jikkostitwux leżjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma jeħtiġilhiex tippronunzja ruħha fuq dan l-aspett tal-vertenza billi, kif ingħad, il-vjolazzjoni riskontrata *una volta* stabbilita timporta leżjoni ta' l-istess dritt fondamentali protett kemm bil-Konvenzjoni kif ukoll bil-Kostituzzjoni u li għaliha hu indikat li japplika l-istess rimedju identiku;

Ir-rikorrenti jallegaw finalment u mhux b'tant konvinċiment fl-aħħar paragrafu ta' l-aħħar nota tagħhom li bl-aġir ta' l-intimati ġie u qed jiġi lilhom ivvjolat id-dritt fondamentali tagħhom għar-"rispett għall-ħajja privata u familjari, id-dar u għall-korrispondenza" kif sanċit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Fil-verita' fin-nota tagħhom tal-15 ta' Mejju, 1995 huma ssottomettew illi dan

l-artikolu li kien ġie kkunsidrat fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja **Lopez Ostra *vs* Spain** *deċiża fid-9 ta' Diċembru, 1994 u li tittratta* dwar *waste treating plant* qrib area residenzjali ma kienx rilevanti għal din il-kawża u li "dik is-sentenza ma tinvesti ebda punt rilevanti għad-diskussjoni preżenti". Invece fin-nota tagħhom tas-26 ta' Mejju, 1995 ir-rikorrenti kellhom ripensament u proprju b'riferenza għal dik is-sentenza talbu li r-rikors tagħhom jiġi kkonsidrat għall-possibbli vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-artikolu 8 jgħid:

"(1) Every one has the right to respect for his private life ... (and) his home;

(2) There shall be no interference by a public authority with the exericse of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of ... the economic well-being of the country";

Issa ma hemmx dubju - u dan ġiet stabbilit - li l-fatti kif ippruvati jikkostitwixxu interferenza fit-tgawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti pero` ma jistax jingħad li ġie ippruvat illi din il-proprjeta` hu "id-dar" tagħhom. Il-kelma "home" għandha konnotati speċifiċi u preċiżi. Timporta l-konċett ta' *focolare domestico* fejn wieħed jgħammar u għandu l-għeruq tiegħu u tal-familja tiegħu. Hu veru li l-fond ta' Delimara iqarrab ħafna lejn dan *iżda ma jistax jiġi* nnegat illi l-vera *home* tar-rikorrenti bħala konjuġi - minn dak li jirriżulta - hija d-dar konjugali tagħhom f'Ħal Tarxien. Veru ukoll li "L-Għarix" għandu rabta partikolari u mill-qrib mar-rikorrenti u hu aktar mis-sempliċi posta ta' villeġġjatura jew sfog. Huwa pero` ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "id-dar" tiegħu għall-fini ta' dan l-artikolu;

Anke taħt dan l-aspett importanti allura il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja fis-sentenza **Lopez Ostra** ma japplikawx għall-każ in eżami. Kienu jkunu invece japplikaw kieku l-proprjeta` setgħet titqies bħala l-*home* tar-rikorrenti;

"The Court nevertheless considered that serious environmental pollution might affect individuals' well-being and prevent them from enjoying their homes in such a way as to affect their private and family life adversely, without, however seriously endangering their health. At all events regard must be had to the fine balance that had to be struck between the conflicting interests of the individual and of the community as a whole.

*Omissis*

The Court accordingly held that despite the margin of appreciation left to it, the Respondent State had not succeeded in striking a fair balance between the interests of the town of Lorca's economic well being (that of having a waste treatment plant) and the applicants' effective enjoyment of her right to respect for her home and her private and family life. In the Courts' unanimous opinion, there had accordingly been a violation of article 8";

Konsiderazzjonijiet dawn li japplikaw *mutatis mutandis* għall-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll u li l-Qorti diġa` aċċennat għalihom. Anke jekk mhux rilevanti għall-ilment tar-rikorrent dan l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni billi ma tirriżultax vjolazzjoni tiegħu in kwantu l-proprjeta` meritu tar-rikors ma tistax titqies li hi l-*home* tagħhom;

L-intimati eċċepew in linea preliminari illi r-rikorrenti kienu

għadhom ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji tagħhom u ssottomettew illi din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha u tastjeni milli teżerċita` s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Il-Qorti ma tilqax din is-sottomissjoni. Hu ovvju mill-proċess illi m'hemm l-ebda rimedju ordinarju li jipprovdi protezzjoni ċara u adegwata għad-dritt li r-rikorrenti jallegaw u li hu issa ppruvat li ġie lilhom ivvjolat. Il-lanjanza tagħhom tmur ferm oltre d-danni materjali li huma ovvjament soffrew fil-proprejta` tagħhom. Tinvolvi l-prinċipju, fin-nuqqas ta' esproprjazzjoni formali u ta' liġi li tintitola lir-rikorrenti li jaġixxu kontra l-awturi tal-vjolazzjoni biex jiġu kkompensati għad-danni subiti inkluż il-fatt li jeskludihom *mit-tgawdija paċifiku ta' ħwejjiġhom, jekk ir-rikorrenti kellhomx* id-dritt jew le għal rimedju kostituzzjonali għal vjolazzjoni subita għal jeddijiet fondamentali tagħhom. Ovvjament mhux kwistjoni sempliċi ta' rimedju għal *nuisance* subita u sanabbli b'xi *azzjoni ta'* natura kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex jitneħħa l-inkonvenjent ta' ħsejjes jew l-emissjoni ta' gassijiet noċivi taħt il-*Clean Air Act* bis-sanzjoni li jitwaqqaf it-tħaddim tal-*Power Station* sakemm dan isir!

Din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda;

Finalment il-Qorti tikkonsidra s-segwenti sottomissjoni ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru għall-Ambjent fil-kontest tad-deċiżjoni tagħha li timporta vjolazzjoni ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll:

"Huwa veru ukoll li waħda minn dawk ir-rekwiżiti għandu jkun il-ħlas ta' kumpens. U minn dak li rriżulta mill-provi fil-kawża

odjerna huwa li l-Awtoritajiet ikkonċernati, minkejja li ma kienx hemm esproprjazzjoni formali (kif setgħu għamlu kieku riedu skond il-fakolta` li tagħtihom il-liġi), u konxji tar-responsabbilitajiet u obbligi legali tagħhom, offrew kumpens iktar minn dak li forsi kien jiġi llikwidat li kieku saret l-esproprjazzjoni formali kif fuq aċċennat! Dana għaliex lir-rikorrenti ngħatatlu -xelta li jagħżel proprjeta` oħra ekwivalenti fejn kien jogħġob lilu, iżda, għal xi raġuni jew oħra li jafu huma biss, iddeklinaw milli jaċċettaw dik l-offerta!

*Omissis*;

Imma, jistaqsu bir-rispett kollu l-esponenti, il-kumpens għaċċaħda tad-dritt ta' proprjeta` jew tgawdija tiegħu mhuwiex jew m'għandux ikun rifless bil-korrispettiv fil-valur ekonomiku u patrimonjali fil-fond milqut? U mhux proprju fuq din il-bażi attinenti għall-parametri fuq esposti li l-Awtoritajiet ikkonċernati ppruvaw jissodisfaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti b'mod li, li kieku aċċettaw l-istess rikorrenti, lanqas kienu jiġu istitwiti dawn il-proċeduri fl-ewwel lok?

Il-Qorti tirrileva:

Li ma jirriżultax mill-provi li saret xi offerta formali mill-intimati għall-kumpens lir-rikorrenti;

Li jirriżulta li saru offerti informali minn persuni awtorevoli fil-Gvern ta' akkommodazzjoni alternattiva fi proprjeta` pubblika;

Li dawn l-offerti ġew rifjutati mir-rikorrenti kemm għar-raġunijiet personali kif ukoll għar-raġuniiet ta' prinċipju politiku. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tissindika dawn it-trattativi li

fallew li jaċċentwaw il-komplessita` tal-każ u jissottolineaw illi l-meritu ma kienx wieħed merament legali imma kellu riljevi u implikazzjonijiet qawwija ta' xorta politika. Riljevi u implikjazzjonijiet li ma jinteressawx lill-Qorti li għandha tkun, kif kienet, applikata biex tikkunsidra l-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrenti u xejn aktar. Kif u għall-istess raġuni ma jinteressawx lill-Qorti l-offerti ta' kumpens li saru lir-rikorrenti minn terzi estranei għal din il-kawża. Tinnota biss illi jekk id-deċiżjoni li ma tiġix formalment esproprijata l-proprjeta` tar-rikorrenti kienet immotivata prinċipalment b'konvenjenza politika daqstant ieħor jista' jingħad li kienet immotivata b'konvenjenza politika n-nuqqas ta' volonta` tar-rikorrenti li jikkonsidraw posittivament l-offerta ta' kumpens lilhom magħmula informalment imma mhux bis-saħħa ta' xi liġi. Konvenjenza mhux fis-sens negattiv tal-kelma imma meqjusa bħala "strateġija" politika;

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tillimita d-deċiżjoni tagħha biss f'dan l-istadju għad-dikjarazzjoni jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Tirriserva d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rimedji kostituzzjonali għal stadju ieħor wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri dwar dan l-aspett. Sottomissjonijiet li tqis li għandhom isiru wara li l-kontendenti jkunu irrivedew il-posizzjonijiet tagħhom fid-dawl ta' din is-sentenza u għamlu tentattiv ieħor għal soluzzjoni amikevoli li l-Qorti tawspika;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi:

Tiddikjara li r-rikorrenti soffrew u għadhom isofru vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom billi ġew u qed jiġu pprivati mit-tgawdija paċifika tal-possedimenti u dana kif sanċit fl-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

In vista ta' din id-dikjarazzjoni m'hemmx lok għal deċiżjoni jekk dawn l-istess fatti u aġir jivvjolawx l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi f'kull każ ir-rimedju miftuħ għar-rikorrenti kien u hu jkun identiku;

Ma tirriżultax leżjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni u għas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rimedju xieraq u adegwat li għalih jirriżulta li huma intitolati ir-rikorrenti;

L-ispejjeż jibqgħu fiċ-ċirkostanzi bla taxxa bejn il-kontendenti";

Minn din is-sentenza appellaw:

L-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru għall-Ambjent permezz ta' rikors ipprežentat fit-23 ta' Awissu, 1995;

L-Arkitett Joseph Ellul Vincneti bħala *Chairman* u għan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni EneMalta permezz ta' rikors li jġib l-istess data ċjoe' it-23 ta' Awissu, 1995;

Essenzjalment is-sottmissjonijiet magħmula mill-appellant Arkitett Joseph Ellul Vincenti u dawk ta' l-Onorevoli Prim Ministru u ta' l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent, anke jekk f'rikorsi separati, huma f'dik li hi sostanza, identiċi, ħlief għal xi punti ta' enfasi partikolari għal kull wieħed mill-appellanti;

L-aħjar mod li ħasbet li timxi bih din il-Qorti huwa li fl-ewwel

lok telenka x'inhuma l-aggravji ta' l-appell tat-tlett appellanti, u sussegwentement tindika ukoll is-sottomissjonijiet responsivi ta' l-appellati;

L-ewwel sottomissjoni ta' l-appellanti tirrigwarda waħda mill-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ċjoe`; illi għalkemm l-Awtoritajiet Governattivi aġixxew korrettement u pjenament fl-interess pubbliku meta ġew biex bnew il-*PowerStation* u aktar meta għażlu s-sit ta' Delimara fost siti oħrajn, kien biss sabiex ma jiġix interpretat ħażin, illi l-Gvern għażel li ma jesproprjax id-dar ta' l-appellati konjuġi Mintoff. Dan minħabba l-posizzjoni pubblika li l-Perit Mintoff kien jokkupa fil-pajjiż;

Din il-konklużjoni, skond l-appellanti mhux ibbażata fuq xi prova. Dana għaliex kif affermat l-Ewwel Onorabbli Qorti stess, l-Onorevoli Perit Mintoff għandu drittijiet indaqs bħal kull ċittadin ieħor fil-pajjiż u l-Awtoritajiet kompetenti mxew bil-mod normali u korrett meta esproprjaw biss l-art li kienet meħtieġa għall-proġett u mhux oltre. Huma jissottomettu li jekk wieħed iħares lejn il-proġetti kollha fejn saret esproprjazzjoni jsib, li f'kull każ, inkluż il-każ tal-*Power Station* ta' Delimara, ġiet esproprjata biss l-art meħtieġa, sal-konfini naturali tagħha, f'dan il-każ it-triq li tifred l-art tal-konjuġi Mintoff u l-*Power Station*. Għalhekk huma ma jaqblux ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-konklużjoni tagħha li l-art tal-konjuġi Mintoff ma ġietx esproprjata minħabba xi sens ta' deferenza u strateġija politika;

Bit-tieni sottomissjoni, l-appellanti jissottomettu li għalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li qalet li kien fl-interess pubbliku li l-Gvern bena l-*Power Station* fuq is-sit ta' Delimara, u wara li qalet li l-Perit Mintoff hu ċittadin bħall-oħrajn, għaddiet biex

affermat li minħabba l-inkonvenjenzi li dan il-proġett seta' ħoloq lill-konjuġi Mintoff, il-każ tagħhom kien wieħed estrem u *eċċezzjonali bla ma* qalet, pero', x'inhuma dawn l-estremi li jirrendu dan il-każ eċċezzjonali;

Huma jissottomettu li wieħed m'għandux jissorvola dan il-każ billi jgħid li hu wieħed eċċezzjonali jew estrem. Fil-fatt bħalu jeżistu ħafna każijiet oħra fejn proġetti li saru fl-interess nazzjonali u għall-progress tal-pajjiż xi ftit jew wisq iddisturbaw il-paċi u l-kwiet *ta' l-ambjent u tan-natura* li qabel kienu jeżistu u li issa jikkrejaw inkonvenjenti. Is-sottomissjoni tagħhom f'dan is-sens hija li mhux dritt fondamentali li ma jsirux proġetti bħal dak *de quo* biex ma tiddisturbax ix-xeni ta' sbuħija naturali ekoloġiċi f'xi inħawi;

*It-tielet sottomissjoni* ta' l-appellanti tikkostitwixxi essenzjalment is-sustanza ta' l-appell tagħhom. Huma jissottomettu illi l-ewwel Onorabbli Qorti sabet li kien hemm ksur ta' dritt fondamentali ta' l-appellati konjuġi Mintoff kif protett mill-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, unikament fuq il-konsiderazzjoni fattwali li l-*Power Station* tinsab 'il bogħod biss ftit metri mill-proprjeta' ta' l-istess konjuġi Mintoff u b'hekk saret esproprjazzjoni informali jew *de facto*. Wieħed pero' ma jridx jiġi żvijat esklussivament b'din il-konsiderazzjoni u jinjora konsiderazzjonijiet oħra fattwali li jinċidu u jistgħu jinfluwenzaw il-konklużjonijiet legali li l-Qorti trid tasal għalihom. L-appellanti jissottomettu li l-unika każ fejn l-organi ta' Strassbourg iddeċidew li kien hemm esproprjazzjoni *de facto* kien dak kontra l-Iżvezja ta' **Sporrong & Lonnroth** - 18/12/94, *Series A* 88, fejn il-fattispeċje legali attwali kienu għal kollox differenti;

L-appellanti jissottomettu li skond huma l-ewwel Onorabbli Qorti ġiet żvijata fil-konklużjoni tagħha meta kkonsidrat l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll li jitkellem fuq dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta`. Jidher li dik il-Qorti ma għamlet ebda distinzjoni bejn is-sens komuni tal-kelma tgawdija u s-sens ġuridiku u legali tagħha. Waqt li s-sens komuni huwa risaput minn kulħadd, is-sens ġuridiku hu li ħadd ma għandu jużurpalek dritt jew *inaqqaslek milli teżerċita xi dritt fuq il-proprjeta` tiegħek. Il-*Kostituzzjoni ta' Malta toħroġ tajjeb f'din it-tifsira ġuridika meta l-kliem "tgawdija tal-proprjeta`" fl-artikolu 32 jiġu sanċiti bl-artikolu 37 bħala li "ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju ...";

L-appellanti *jissottomettu illi l-konjuġi Mintoff ma* kellhom ebda dritt jew servitu` fuq l-art li fuqha ġiet mibnija l-*Power Station*. Għalhekk bil-bini ta' l-istess ma tnaqqsilhom l-ebda dritt tat-tgawdija (fis-sens legali u ġuridiku tal-kelma) u dana għaliex la kellhom servitu` *nonedificandi*, la waħda ta' prospett, u ebda dritt ieħor. Skond l-appellanti ma hemmx differenza bejn dan il-każ u l-każ fejn, per eżempju, kieku fl-istess arja nbena razzett tal-qżieqeż jew fabbrika li ċertament kienet tnaqqas il-pjaċir li wieħed jieħu fil-proprjeta` tiegħu, iżda li ma tkunx tnaqqas id-dritt ta' tgawdija paċifika tal-proprjeta` fis-sens ġuridiku li għalih il-liġi tirreferi;

Ir-raba' aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet ukoll żvijata meta ttraduċiet in-nozzjoni tad-Dritt Ruman, u ċjoe' il-*jus utendi et abutendi* bħala d-dritt li wieħed igawdi u jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li biha ma jagħmilx użu pprojbit mil-liġi. Skond l-

appellanti l-kunċett li xi ħadd juża l-proprjeta` tiegħu b'mod assolut ma jfissirx li ħaddieħor ma jagħmilx użu mis-sit tiegħu, għax il-proprjetarju ta' dak is-sit għandu d-drittijiet tiegħu. Ma jfissirx li l-Istat m'għandux id-dritt li jirregola l-użu ta' l-art u jiddestina żona, bħal ma hi ż-żona tal-Port ta' Marsaxlokk, għall-użu anke industrijali, użu li għalih ilha ddestinata dik l-area minn żmien ferm twil qabel ma dak is-sit ġie magħżul bħala wieħed li fuqu seta' jinbena l-*Power Station*;

L-appellanti jissottomettu illi d-dritt ta' tgawdija paċifika tal-proprjeta` ma jfissirx li l-art jew bini għandu jibqa' dejjem tajjeb għal dak li sidu jkun jeħtieġu. Lanqas ifisser li l-Istat għandu jiggarantixxi l-valur fuq is-suq ta' xi proprjeta`. Mhux minnu, madanakollu, li l-valur tad-dar tal-konjuġi Mintoff ġie affettwat; veru li m'għadux ideali għall-mistrieħ u villeġġjatura, iżda għad għandu valur għal skopijiet oħra konfaċenti għad-destinazzjoni u l-użu ta' l-area kif modifikat bil-bini tal-*Power Station*;

Fl-istess kuntest, l-appellanti jissottomettu ukoll ili l-Ewwel Onorabbli Qorti ġibdet konklużjoni ħażina meta kkunsidrat dak illi jipprovdi l-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoe` li s-sid jista' jgawdi u jiddisponi minn ħwejjġu b'mod l-aktar assolut. Huma jissottomettu li dan il-kunċett huwa iżjed intiż biex jiġi applikat fil-kamp ċivili kif konfrontat mal-prinċipji ta' liġi fil-kamp kostituzzjonali. Skond kif inhu redatt l-istess artikolu, jidher li dan għandu jipprovdi għad-drittijiet ta' kull sid li juża l-proprjeta` tiegħu kif irid, mingħajr ma jkollu ndħil minn sidien oħra, pero` dan m'għandux ifisser li l-Istat ma jistax jikkontrolla l-użu li jista' jsir minn tali proprjeta`. Barra minn hekk l-imsemmi artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili jippreċedi fiż-żmien, b'ħafna snin, il-kunċetti tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u aspetti oħra tad-Dritt

Kostituzzjonali u għalhekk il-qari tiegħu llum irid isir fl-isfond ta' l-iżvilupp ta' dawk il-kunċetti legali ġodda li żgur ma kinux jeżistu meta ġie ppromulgat il-Kodiċi Ċivili;

Il-ħames sottomissjoni ta' l-appellant hija li una volta l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet konvinta li l-Awtoritajiet kompetenti aġixxew pjenament fl-interess pubbliku meta ġew biex jibnu l-*Power Station* u meta għażlu s-sit ta' Delimara minn fost siti oħra, jiskattaw awtomatikament il-limitazzjonijiet li jeżistu għall-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll stante li kif huwa ben saput, ebda dritt fondamentali ma huwa assolut. Huma jissottomettu illi konsegwentement wieħed irid jara liema hija l-eċċezzjoni li tirregola l-każ odjern bil-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li l-liġi stess timponi biex tista' treġi dik l-eċċezzjoni għad-drittijiet fondamentali;

F'dan il-kuntest huma jissottomettu li tali limitazzjoni, fil-fattispeċje tal-każ odjern, kienet ser tkun applikabbli għal **kull** sit li kien jista' jintagħżel sabiex fuqu jinbena l-*Power Station*. Għaliex dejjem kien ser ikun hemm xi ħadd li għandu xi possedimenti fil-viċin u li bħala konsegwenza ma kienx ser ikun jista' jkompli jieħu l-istess pjaċir bihom bħal qabel **b'mod assolut** għalkemm id-dritt tiegħu ta' paċifiku godiment kien ser jibqa' intatt;

L-appellanti jissottomettu li hemm differenzi, b'konsegwenzi legali diversi, bejn l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Skond l-appellanti l-artikolu 37 jitkellem ċar u tond fuq ċaħda ta' proprjeta' jew dritt fuqha mingħajr kumpens xieraq. Ifisser dan li għandek vjolazzjoni, jekk għandek privazzjoni totali tal-proprjeta' mingħajr l-ebda kumpens. Fil-każ odjern ma kienx u ma setax dan

ikun il-każ, għax qatt ma *kien hemm* iċ-ċaħda totali tal-proprjeta' jew drittijiet tar-rikorrent. Setgħet, kieku riedet l-Awtorita' kompetenti, tesproprja l-proprjeta' tar-rikorrenti fl-interess pubbliku u jħallu l-kwistjoni tal-kumpens impreġudikata bil-proċedura skond il-liġi. L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li kieku ġara hekk ma kienet issib l-ebda vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, għax kien ikollok ċaħda totali ta' proprjeta' **bil-kumpens** skond il-liġi kif jirrikjedi l-istess artikolu;

Is-sitt sottomissjoni ta' l-appellanti hija waħda relatata għall-argument żvolt fil-paragrafi preċedenti u hija fis-sens li bħala waħda mil-limitazzjonijiet permessi mill-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokoll, hemm dik li l-Istat **jista' jikkontrolla l-proprjeta'** ta' l-individwu fl-interess pubbliku. Dan hu differenti *milli* kieku għandek ċaħda totali tal-proprjeta', f'liema każ jiskatta l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għall-fini tal-kumpens dovut. Pero' artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll bl-ebda mod ma jsemmi espressament il-kwistjoni *tal-kumpens*;

L-appellanti jissottomettu fir-rigward illi jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti ġibdet inferenza legali erronea fis-sens li għax ir-rikorrenti appellati konjuġi Mintoff, informalment u mhux uffiċjalment, saritilhom forma ta' offerta kompensatorja minħabba *l-mod kif il-proprjeta' tagħhom forsi setgħet tiġi effettwata*, *l*-appellanti kienu konxji tar-responsabbilita' u obbligi tagħhom li jikkompensaw lill-konjuġi Mintoff minħabba li dawn ġew u għadhom qed jiġu mċaħħda, mid-dritt fondamentali tagħhom għat-tgawdija paċifika tal-possediment tagħhom. L-appellanti ma jaqblu xejn ma' dan. Huma jissottmettu illi dik l-offerta ma saritx mill-Gvern, iżda saret minn min, b'sens ta' deferenza għall-posizzjoni li kellu l-Perit Mintoff, xtaq li jtaffi xi inkonvenjent li dan seta' kellu

bil-bini tal-*Power Station*. Fil-liġi, pero`, kif qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, kulħadd huwa l-istess. Meta l-appellati ġew avviċinati b'dak il-mod, dan mhux għax xi ħadd ħass xi obbligu legali li kellu joffrilhom kumpens, imma għamel hekk b'mod amikevoli u biex juri l-intenzjoni tajba u l-*bona fede* tiegħu, u proprju biex ixejjen kull dubbju u suspett ta' xi diskriminazzjoni vendikatorja politika. Imma għax sar hekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti, sabet vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll u dana fil-fehma ta' l-appellanti ma jagħmilx sens. Huma infatti jħossu ruħhom aggravati iktar u iktar għaliex il-konsiderazzjoniijiet u d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti joħolqu preċedenti infiniti, għax ifisser li f'pajjiż żgħir bħal ma hu Malta, kull meta jsir xi proġett pubbliku u ta' dimensjoniijiet nazzjonli b'mod li dejjem ser ikollok xi ħadd jew xi uħud li jkollhom il-pjaċir li kienu jieħdu bil-proprjeta` tagħhom imnaqqas, dejjem skond l-Ewwel Onorabbli Qorti, ser ikollok vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 tal-Protokoll;

F'dan il-kuntest ukoll l-appellanti jissottomettu li huwa proprju hawn li l-ewwel Onorabbli Qorti ma afferratx pjenament il-kunċett tal-*fair balance between the competing interests of the invididual and those of the community at large* - rekwiżit sabiex wieħed jinnewtralizza allegazzjoni ta' ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. L-appellanti jissottomettu li meta wieħed jerġa' jeżamina bir-reqqa l-fatti in retroxena u r-realizzazzjoni tal-proġett tal-*Power Station*, inkluż l-impenn sħiħ tal-Korporazzjoni EneMalta, biex safejn huwa possibbli tinnewtralizza xi effett negattivi ta' l-impjant fuq il-viċinanzi, wieħed ma jistax ma jasalx għall-konklużjoni li altru milli kien hemm bilanċ bejn l-interess tan-Nazzjon u dak ta' l-individwu. L-appellanti jissottomettu ukoll li effettivament ħadd għadu ma indika u anqas ma l-Ewwel Qorti spjegat, kif seta' jintlaħaq xi bilanċ aħjar minn dak li fil-fatt intlaħaq bejn l-interessi

tan-Nazzjon u dak ta' l-appellati konjuġi Mintoff;

Is-seba' sottomissjonijiet ta' l-appellanti hija fis-sens li l-Ewwel Onorabbli Qorti erronjament interpretat il-kunċett ta' "tgawdija" ta' proprjeta` fis-sens ta' godiment assolut, mingħajr ma qieset li kull godiment ta' proprejta` huwa dejjem suġġett għar-riskju ta' xi inkonvenjent, jew fis-sens lat tal-kelma *nuisance* b'mod pero` li ma jfissirx li għandek sitwazzjoni fejn jiġu ravviżati l-estremi li jwasslu għas-sanzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. L-appellati xorta għad għandhom it-tgawdija paċifika tal-proprjeta` tagħhom minkejja li forsi s-sbuħija fl-intorni m'għadhiex li kienet. Kwindi l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet issib vjolazzjoni. *Il-konjuġi Mintoff jistgħu jkomplu jgawdu l-proprjeta` għal* skopijiet li jidhrilhom xierqa *fiċ-ċirkostanzi ġodda; jistgħu* jbigħuha u jiddisponu minnha u ma jistax jingħad li xi ħadd għabba xi dritt fuq il-proprjeta` tagħhom;

L-appellanti għalhekk talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens li filwaqt li tikkonferma li ma hemmx lok għad-deċiżjoni jekk *kienx hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 37* tal-Kostituzzjoni u fejn iddeċidiet li ma tirriżultax leżjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, tirrevoka dik il-parti fejn ġie ddikjarat li r-rikorrenti appellati konjuġi Mintoff soffrew vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom taħt l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellati;

L-appellati konjuġi Mintoff ippreżentaw risposta separata, iżda identika, għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ appelli u essenzjalment fiha għamlu s-sottomissjonijiet li ġejjin:

Fl-ewwel lok, jisttotomettu li s-sentenza appellata hija ekwa u ġusta u għandha tiġi kkonfermata;

Fit-tieni lok, illi filwaqt li ma jaqblux li l-Awtoritajiet Governattivi għażlu l-aħjar sit, ċjoe' dak ta' Delimara għall-bini tal-*Power Station*, jirrilevaw illi bid-deċiżjoni meħuda, id-dar tagħhom min-naħa waħda ġiet reża bla vlaur u min-naħa l-oħra, peress li ma ġietx esproprjata, ġew li m'għandhom ebda dritt għal kumpens;

Fit-tielet lok, huma jemmnu li *m'hemmx dubbju li*, kuntrarjament għal dak li qed jissottomettu l-appellanti u konformament ma' dak illi affermat l-Ewwel *Qorti*, *l*-art tagħhom ma ġietx esproprjata, kif kien intiż oriġinarjament li jsir, minħabba xi sens ta' deferenza u/jew strateġija politika;

Fir-raba' lok, l-appellanti jissottomettu li l-konklużjoni li l-każ tagħhom kien wieħed estrem u eċċezzjonali, l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għaliha wara li qieset il-fatti kollha tal-każ. Huma jissottomettu li l-appellanti qegħdin jippruvaw jiġġustifikaw l-aġir tagħhom fuq *il-bażi li jeżistu ħafna każijiet bħal ta'* l-appellati. *Jeżistu* kemm jeżistu każijiet pero', dawn ma jistgħux jiġġustifikaw qatt ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem;

Il-ħames sottomissjoni ta' l-appellati hija fis-sens li huwa *minnu li* l-ewwel Onorabbli Qorti *bbażat id-deċiżjoni tagħha li l-Power Station* inbniet bogħod biss ħmistax-il pied mill-proprjeta' tagħhom u *għamlet* sew dik *il*-Qorti *li* qalet li dan ma kien xejn ħlief jammonta għall-esproprjazzjoni informali jew *de facto*. Huma jissottomettu fir-rigward li l-Ewwel Qorti mhux talli ma żvijatx ruħha f'din il-konsiderazzjoni, iżda kien proprju l-appellanti li

ppruvaw jiżvijaw lil dik il-Qorti billi joskuraw dan il-fatt prinċipali iżda ma mexxielhomx;

*Fl-istess kuntest l-appellati jissottomettu* wkoll li l-prinċipju ta' esproprjazzjoni *de facto* ġie rrikonoxxut anke fil-Qrati Ewropej kif ammettew l-istess appellanti;

L-appellati *jissottomettu ukoll li l-argument ta'* l-appellanti li l-Ewwel Onorabbli Qorti m'għamlitx distinzjoni bejn is-sens komun tal-kelma "tgawdija" u s-sens ġuridiku u legali tagħha, jammonta għal asserzjoni gratuita. Inoltre jekk hemm distinzjoni bejn il-Protokoll u l-*Kostituzzjoni, dan ifisser li d-drittijiet tal-bniedem* huma protetti f'parametri aktar wesgħin u mhux b'tifsiriet u interpretazzjonijiet idjaq, kif qed jippruvaw jargumentaw l-appellanti;

Il-konjuġi Mintoff appellati jissottomettu li l-idea ta' servitu' jew dritt fuq l-art fejn inbniet il-*Power Station* ukoll jammonta għal argument fallaċi intiż biss biex joħloq konflitti. Skond huma, *l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament tajjeb u eżatt tan*-nozzjoni tad-Dritt Ruman tal-*jus utendi et abutendi*;

Sottomissjoni oħra tal-konjuġi Mintoff hija fis-sens li huma qatt ma kkontestaw id-dritt ta' l-Istat li *jibni Power Station*. Pero' il-kunċett tat-tgawdija paċifika ta' proprjeta' hu totalment differenti mill-prinċipji enunzjati fil-Kostituzzjoni u l-Protokoll. Ugwalment huma qatt ma ssottomettew, kuntrarajament għal dak li qed jaffermaw l-appellanti, *li* l-Istat m'għandux dritt *jiddetermina l-użu* tal-proprjeta';

L-appellati konjuġi Mintoff isibu ukoll inaċċettabbli l-

allegazzjoni ta' l-appellanti li l-valur tad-dar tagħhom ma ġiex ażżerat. Huma jistaqsu kif jistgħu jużaw post li huwa espost għall-vibrazzjoni, għall-ħsejjes kontinwi, għall-inkwinament atmosferiku kontinwu u dan apparti mill-kruha ambjentali li ġiet ikkreata, liema elementi jeżistu kontinwament erbgħa u għoxrin siegħa fuq erbgħa u għoxrin siegħa;

L-appellati inoltre jissottomettu li t-teżi tagħhom inoltre kienet li l-għażla ta' Delimara bħala s-sit għall-kostruzzjoni tal-*Power Station* kienet waħda ħażina u kienet waħda bbażata fuq *konsiderazzjonijiet ulterjuri*. L-appellati konjuġi Mintoff jikkritikaw ukoll is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi li kieku minflok ġara dak li ġara ġiet esproprjata l-proprjeta' tagħhom u tħallas kumpens, ma kienx ikun hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Huma jissottomettu illi fir-realta' l-art ma ġietx esproprjata u d-dar tagħhom hija llum bla valur u fl-istess ħin huma ma jistgħux jitolbu għall-kumpens u dan huwa l-prinċipju bażi tal-kunċett ta' l-esproprjazzjoni *de facto*;

Dwar l-aspett rigwardanti l-offerti magħmula lilhom huma jissottomettu illi l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti kienet waħda ġusta;

Rigwardanti l-aspett tar-raġġunġiment tal-*fair balance between the competing interests of the individual and also of the community at large* li huwa l-qofol ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll kif ukoll tas-sentenza appellata, huma jisottomettu li d-deċiżjoni u l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti huma f'dan il-kuntest ineċċeppibbli. Kwantu l-kwistjoni ta' kif seta' jinħoloq xi bilanċ aħjar jew dwar il-kwistjoni ta' *nuisance*, l-appellanti jissottomettu li evidentement l-appellanti ma afferrawx biżżejjed il-kuntest tat-

talba tagħhom kif dedotta fl-att promotorju. Fi kwalunkwe każ, pero`, joġġezzjonaw għas-sottomissjoni tagħhom illi l-fatt li wieħed jibla' kontinwament sostanzi velenużi jammonta biss għal *nuisance*;

L-appellati konjuġi Mintoff għalhekk talbu li l-appell jiġi respint u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi kkonfermata. Pero' għandu jiġi osservat fil-paragrafu penultimu tar-risposta tagħhom għaż-żewġ appelli huma jagħmlu ir-riżerva segwenti: "... mingħajr preġudizzju u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-appellati dwar dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Għall-preċiżjoni jiġi rrilevat illi fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, il-kontendenti skambjaw noti ta' osservazzjonijiet fuq diversi punti li fil-fehma tagħhom huma rilevanti għal dan l-appell, kif ukoll għamlu referenza kopjuża, għalkemm mhux kompleta u mhux dejjem rilevanti, għal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-sottomissjonijiet kontenuti f'dawn in-noti essenzjalment jirriflettu u jispjegaw aktar fid-dettal dawk magħmula fir-rikorsi ta' l-appell u fir-risposti relattivi;

Qabel tibda biex tikkonsidra d-diversi punti li fuqhom dan l-appell *irid jiġi deċiż, din il-Qorti ser tagħmel xi kjarifiki li huma* importanti u hu opportun li jiġu indikati l-ewwel u qabel kollox;

L-ewwel punt li trid tagħmel huwa fis-sens li, għalkemm fir-risposti ta' l-appell tagħhom l-appellati konjuġi Mintoff iddikjaraw illi huma kienu qegħdin jirrispondu għall-appelli intavolati, "mingħajr preġudizzju u b'*riżerva għal kull ġudizzju lilhom spettanti* dwar dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-artikolu 37 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja", hija m'għandhiex quddiemha appell inċidentali mis-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet it-talba tagħhom fir-rigward ta' l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u in kwantu ddeċidiet kif iddeċidiet fuq l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dana mhux biss għaliex fir-risposta ta' l-appell m'hemm ebda indikazzjoni li qed isir appell inċidentali, iżda ukoll għaliex effettivament, l-istess appellati, konjuġi Mintoff, in eċċezzjoni għar-rikorsi ta' l-appell, talbu li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi kkonfermata;

Dan ifisser li konsegwentement, quddiem din il-Qorti, baqa' biss illum il-kwistjoni in kwantu tirrigwarda l-allegat ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropeja. Dana qed jingħad peress li ħafna mis-sottomissjonijiet li saru, kemm fir-rikors ta' l-appell, kif ukoll fir-risposta, kif ukoll fit-trattazzjonijiet orali u n-noti ta' osservazzjonijiet f'din l-istanza, kienu jirrigwardaw l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

It-tieni punt li trid tagħhmel din il-Qorti jirrigwarda l-posizzjoni legali għal dik li hija ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fi Strassbourg fuq il-portata ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Effettivament, fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti elenkat uħud mill-prinċipji enunzjati mill-Qorti Ewropeja fil-kuntest ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, pero' limitatament għal dak li dehrilha li kien relevanti għas-soluzzjoni tal-każ. Effettivament fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, kif jemerġi mill-aggravji u mis-sottomissjonijiet ta' l-appellati elenkati aktar 'il fuq, ġew ittrattati diversi aspetti oħrajn relattivi għal dan l-artikolu, b'mod li fil-fehma ta' din il-Qorti illum huwa neċessarju li l-posizzjoni legali kif temerġi

mis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tiġi indikata dettaljatament kemm jista' jkun, għalkemm fil-qosor, biex imbagħad a bażi tagħha hija tkun tista' tispjega aħjar is-segwenti, ċjoe` (a) L-artikolu 1 *ta' l-Ewwel* Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni allorche` jirrikonoxxi lil kull persuna d-dritt li jkollha in sostanza d-dritt ta' proprjeta` u l-kliem użat, ċjoe` "possediment", "proprjeta`" u "użu ta' proprjeta`" huma bla ebda dubbju konferma ta' dan. (b) L-istess redatturi tal-Protokoll dejjem tkellmu fil-kors tax-xogħlijiet preparatorji fuq dan il-Protokoll fuq "dritt ta' proprjeta`" bħala l-bażi ta' l-istess Protokoll. (ċ) L-artikolu 1 jenunzja qabel xejn il-prinċipju ta' ordni ġenerali u ċjoe`, illi l-proprjeta` għandha tiġi rrispettata u għalhekk il-privazzjoni jew l-esproprjazzjoni tagħha għandha tkun assoġġettata taħt ċerti determinati kundizzzjonijiet. Fit-tieni paragrafu mbagħad, l-istess artikolu, dejjem skond *il-Qorti* Ewropeja, jagħti lill-Istat id-dritt li jirregola l-użu tal-proprjeta` konformament ma' l-interess ġenerali billi jintroduċi fl-ordinament relattiv dawk in-normi li jirritjeni opportuni biex jiġi raġġunt tali skop. F'dan il-kuntest, l-Istat għandu jkollu marġini ampju ta' apprezzament f'dik li hija politika urbanistika u f'dik li hija esproprjazzjoni fl-interess ta' utilita` pubblika, b'dan pero` li għandu jkun hemm salvagwardat ekwilibrju jew proporzjon ġust bejn l-interessi tal-komunita` u d-dritt ta' rispett tal-proprjeta` tal-persuna kif protett bl-artikolu 1 ta' l-imsemmi Protokoll. (d) Għalhekk, għandu jiġi evitat li jiġu imposti l-konklużjonijiet li ser jiġu raġġunti. Huwa neċessarju li jsir dan ukoll anke biex tkun tista' *tidderimi* uħud mill-punti ssollevati mill-partijiet u speċjalment mill-appellanti u anke għaliex uħud mis-sottomissjonijiet li saru ma jikkorrispondux ma' dak li ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja;

Stabbilit dan, din il-Qorti għalhekk sejra l-ewwel u *qabel* kollox, tispjega x'inhi, u f'hiex tikkonsisti l-ġurisprudenza tal-Qorti

Ewropeja in materja ta' protezzjoni tad-dritt ta' proprjeta` kif stipulat fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet ta' l-Individwu. Din il-ġurisprudenza bdiet tiġi żviluppata mill-Qorti Ewropeja u fil-bidu tas-snin 80 u minn dakinhar sal-lum in-numru tas-sentenzi ta' l-istess Qorti sar wieħed konsiderevoli u minnhom illum huwa possibbli li jiġu definiti d-diversi prinċipji legali li skond dik l-istess Qorti għandhom jirregolaw il-materja;

Il-prinċipji prinċipali li jemerġu minn din il-ġurisprudenza huma s-segwenti:

Fis-sentenza tat-23 ta' Settembru, 1982 fil-każ **Sporrong & Lonnroth**, il-Qorti Ewropeja stabbiliet sagrifiċċji eżorbitanti fuq is-sid u billi jkun hemm dejjem disponibbli r-rimedji opportuni. Kif ġie ukoll irrilevat mill-Ewwel Onorabbli Qorti dan kien ukoll l-ewwel każ fejn ġie rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja illi l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali jittutela mhux biss l-esproprjazzjoni fis-sens komuni tagħha, imma anke każijiet fejn, ikun hemm ċirkostanzi tali li jammontaw għall-esproprjazzjoni *de facto*;

Fis-sentenza tal-21 ta' Frar, 1986, fil-każ **James Cavendish, Corbett & Wilbraham**, il-Qorti Ewropeja stabbiliet il-prinċipji li ġejjin u ċjoe`:

It-test Franċiż ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali, għalkemm jafferma illi l-privazzjoni tal-proprjeta` privata tista' ssir *pour cause d'utilite` publique*, ċertament dan għandu jkun soġġett għall-interpretazzjoni ristrettiva kif hu normali jsir fil-liġijiet in materja ta' esproprjazzjoni tal-maggior parti ta' l-

Istati aderenti għall-Konvenzjoni. Barra minn hekk il-kunċett ta' utilita' pubblika, kif konċepit taħt il-Konvenzjoni hu fformolat b'mod li wieħed jintendi li bħala bażi tiegħu hemm dejjem l-iskop li jiġi evitat li individwu jiġi assoġġettat għall-privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta' tiegħu;

L-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni jafferma tliet prinċipji distinti:

Dak ikkontenut f'paragrafu 1 jenunzja il-via ġenerali li kulħadd għandu jirrispetta d-dritt ta' proprjeta' ta' ħaddieħor;

Ukoll ikkontenut fil-paragrafu 1 hemm stabbilit il-prinċipju li l-privazzjoni tal-proprjeta' għandha ssir taħt kundizzjonijiet ben definiti;

Taħt il-paragrafu 2 hemm rikonoxxut lill-Istat il-poter jew id-dritt li jirregola l-użu tal-beni in konformita' ma' l-interess ġenerali;

Bejn it-tliet prinċipji hemm rapport strett u l-ġudikant għandu jassigura ruħu li l-aħħar tnejn huma applikabbli qabel ma jippronunzja ruħu fuq l-okkorrenza ta' l-ewwel. It-tieni u t-tielet prinċipji jassumu riljev billi in tema ta' vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjeta', għandhom jiġu interpretati fid-dawl ta' l-ewwel prinċipju;

L-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, għalkemm jafferma li ħadd m'għandu jiġi pprivat mid-dritt ta' proprjeta' jekk mhux għal raġuni ta' utilita' pubblika, mhux intiż li japplika biss għall-utilita' tal-kollettivita', iżda anke għall-utilita' ta' enti singoli meta trasferiment huwa konformi mad-direttivi ta' politika soċjali leġittima u jissodisfa

fl-istess ħin l-interess ġenerali;

L-espressjoni "utilita` pubblika" jew "public interest" jew "utilite` publique" ikkontenuta fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, mhix intiża biex tfisser li l-beni li l-individwu ikun ġie pprivat minnhom iridu bilfors jiġu messi għad-disposizzjoni tal-pubbliku jew tal-kollettivita` intera. Infatti, il-privazzjoni tal-proprjeta` tista' tavvera ruħha ukoll in attwazzjoni ta' politika ta' ġustizzja soċjali u kwindi fl-interess ġenerali, anke meta jkun hemm trasferiment obbligatorju tal-proprjeta` minn persuna għal oħra;

Il-kliem "utilite` publique" u "interess ġenerali" jew "public interest" ikkontenuti rispettivament fl-ewwel u t-tieni paragrafi ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll essenzjalment jesprimu l-istess kunċett;

Tenut kont tal-konoxxenza diretta taċ-ċirkostanzi ta' xi pajjiż partikolari u tal-bżonnijiet relattivi, l-awtoritajiet nazzjonali, in linea ta' prinċipju, huma f'posizzjoni aħjar minn dawk internazzjonali, jiddeterminaw dak li jista' jiġi ritenut ta' utilita` pubblika jew ta' interess pubbliku. In konsegwenza, fl-ambitu tas-sistema ta' protezzjoni kkreata taħt il-Konvenzjoni, jispetta lilhom jistabbilixxu f'liema ipotesi l-interess pubbliku jiġġustifika l-privazzjoni tal-proprjeta` u liema provvedimenti huma neċessarji. Fl-eżerċizzju ta' tali fakolta` għalhekk l-awtoritajiet nazzjonali jgawdu ċertu marġini wiegħsa ta' apprezzament;

In-nozzjoni ta' utilita` publika, mill-istess natura tagħha, hija ampja u n-normi opportuni f'xi Stat biex tiġi rregolata l-privazzjoni ta' proprjeta' jiddependu minn sitwazzjonijiet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, bid-differenzi li jistgħu raġonevolment

jemerġu fi Stat demokratiku;

L-ipotesi ta' privazzjoni ta' proprjeta` privata minħabba interess pubbliku jew utilita` pubblika, biex tkun konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, trid tilħaq rapport raġonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit; ekwilibriju ġust bejn l-interess ġenerali u dak tal-persuna b'mod li jiġi evitat lill-individwu piż partikolari u eżorbitanti;

Għalkemm l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ma jsemmi xejn fuq l-indennita` li għandha tingħata lil dawk li jiġu pprivati mill-proprjeta' tagħhom, id-dritt għall-indennizz jidher impliċitu fl-istess norma għax mingħajr dan il-prinċipju l-protezzjoni tal-proprjeta` da parti ta' l-artikolu 1 tkun illużurja u ineffikaċi;

Fis-sentenza tat-8 ta' Lulju, 1986 fil-każ ta' **Lithgow**, il-Qorti Ewropeja stabbiliet is-segwenti:

"L-obbligazzjoni ta' l-Istat li jindennizza lil dawk li jiġu espropriati mill-beni tagħhom ma tiddependix mill-eżistenza ta' miżura ta' interess pubbliku jew utilita` pubblika li tinneċessita` l-esproprijazzjoni, bensi mill-prinċipji insiti fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jittutela d-dritt tal-proprjeta' fih innifsu, indipendentement mir-raġunijiet li talvolta jiġġustifikaw il-privazzjoni tiegħu;

Il-privazzjoni tal-proprjeta` privata minħabba interess pubbliku jew utilita` pubblika, biex tissodisfa l-esiġenzi ddettati mill-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, trid tirrispetta rapport raġonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit. Trid ikun hemm ekwilibriju realistiku u ġust bejn l-

*esiġenzi tal-kollettivita` u d-drittijiet fondjarji ta' l-individwu.* Dan l-ekwilibriju hu rifless fl-istruttura intera ta' l-artikolu msemmi u ċertament jiġi alterat jekk il-persuna esproprjata tissubixxi sagrifiċċju partikolari u esorbitanti. Il-bżonn li jiġi raġġunt tali ekwilibriju jissarraf b'esiġenza imprexxindibbli;

Fis-sentenza ta' l-24 ta' Ottubru, 1986 fil-każ **Agosi**, il-Qorti Ewropeja ddikjarat *illi t-tieni u t-tliet* ipotesijiet taħt l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jittrattaw fuq każijiet possibbli ta' privazzjoni ta' proprjeta` jew limitazzjoni ta' dak id-dritt fl-ambitu tad-dritt u *t-tnejn iridu jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju ġenerali* inizjalment enunzjat fl-ewwel paragrafu ta' l-istess artikolu. Dan ifisser illi l-ġudikant irid jivverifika jekk ġiex mantenut dak l-ekwilibriju bejn l-interess ġenerali u l-interess tal-persuna *li għalih* jirreferu s-sentenzi preċedenti. Il-Qorti Ewropeja rribadiet li f'dan il-kuntest l-Istat għandu marġini rilevanti ta' apprezzament fl-ivvalutar tal-metodi *użati* kif ukoll għal dak li jirrigwarda liġijiet u konsegwenzi in rapport għall-iskop persegwit;

Fis-sentenza tas-7 ta' Lulju, 1989 fil-każ **Trektorer u Aktievolag**, *iċ-ċirkostanzi kienu li s-soċjeta` rikorrenti, għalkemm* ma kinitx ġiet ipprivata mill-proprjeta` tar-*restaurant* li kienet tiġġestixxi ġiet impoġġija f'bosta diffikultajiet ekonomiċi gravi fl-eżerċizzju ta' l-attivita` tagħha tant li spiċċat biex kellha tbiegħu. Għalhekk il-każ ġie kkonsidrat mill-Qorti Ewropeja taħt il-*paragrafu 2 ta' l-artikolu 1. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropeja* qalet li l-paragrafu 2 ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll għandu jinqara fid-dawl tal-prinċipju kkonsagrat fl-ewwel parti ta' l-artikolu i li jesprimi n-neċessita` li l-inġerenza da parti ta' l-Istat għandha tkun tali li tirraġġunġi ekwilibriju ġust bejn l-interess ġenerali tal-komunita` u s-salvagwardji *tad-drittijiet* fondamentali ta' l-

individwu. Fi kliem ieħor l-artikolu 1 jesprimi l-esiġenza li jkun hemm raġġunt f'kull soċjeta' demokratika ekwilibriju raġonevoli bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit;

Anke fis-sentenza tal-21 ta' Frar, 1990 fil-każ **Hakansson & Sturesson**, il-Qorti Ewropeja, wara li affermat in-neċessita' li jkun raġġunt dak ir-rapport raġonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi *mpjegati* u l-iskop persegwit, affermat illi din il-kundizzjoni tiġi nieqsa meta l-proprjetarju jiġi assoġġettat għall-oneri speċjali u esorbitanti li jmorru oltre l-*marġini ta' apprezzament* spettanti lill-awtoritajiet nazzjonali;

Fis-sentenza tat-18 ta' Frar, 1991 fil-każ **Fredin** il-Qorti Ewropeja, kif kienet stabbiliet fil-każ ta' **Sporrong** sup. ċit., affermat illi l-paragrafu 1 ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li jafferma li ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-proprjeta' tiegħu, għandu japplika mhux biss fl-ipotesi klassika ta' l-esproprjazzjoni, iżda anke, u ugwalment, fil-każijiet li fis-sustanza jekwivalu għall-esproprjazzjoni. Il-Qorti Ewropeja kompliet tgħid ukoll illi l-ipotesijiet previsti mill-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll huma konnessi ma' xulxin bl-istess *ratio* u kemm it-tieni kif ukoll it-tielet ipotesijiet jikkostitwixxu eżempji ta' preġudizzju possibbli għad-dritt tal-proprjeta'. In konsegwenza, it-tnejn għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju ġenerali enunzjat fl-ewwel parti ta' l-artikolu 1, allorche' jiġi affermat id-dritt ta' kull persuna fiżika jew morali għar-rispett tal-possedimenti proprji;

Fis-sentenza tat-22 ta' Settembru, 1994 fil-każ **Hentrich**, ġie rrikonoxxut għal darba oħra l-prinċipju illi l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-*Konvenzjoni* Ewropeja jittutela mhux biss kontra l-esproprjazzjoni proprja imma anke dik *de facto*. F'dan

il-każ partikolari, (kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-appellanti, u ċjoe` li l-Qorti Ewropeja f'każ wieħed biss ikkonċediet li kien hemm vjolazzjoni konsistenti f'esproprjazzjoni *de facto*) waslet, bħal fil-każ ta' **Sporrong**, għall-konklużjoni li fil-każ iċ-ċittadin *bore an individual and excessive burden* u għalhekk ikkonkludiet illi kien hemm esproprjazzjoni *de facto*;

Fit-28 ta' Settembru, 1994 il-Qorti Ewropeja tat żewġ sentenzi, waħda fil-każ **Spadea & Scalabrino** u l-oħra fil-każ **Scollo**, u fihom dik il-Qorti rriaffermat illi l-artikolu 1 jipproteġi ukoll kontra l-esproprjazzjoni *de facto* u fejn ikun hemm *control of the use of property*. Anke f'dawn iż-żewġ każi l-Qorti Ewropeja rriaffermat illi l-Istat għandu marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni dwar kif jirregola l-proprjeta` u l-użu tagħha u illi hija *will respect the Legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgement is manifestly without reasonable foundation*;

Fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru, 1994 fil-każ tal-**Holy Monasteries** il-Qorti Ewropeja, wara li għal darba oħra rribadiet il-prinċipju illi l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ma jkoprix biss każijiet ta' esproprjazzjoni fis-sens klassiku, iżda anke oħrajn analogi bħal dak ta' esproprjazzjoni *de facto* u li għandu dejjem jiġi raġġunt dak il-grad ta' proporzjonalita` u ekwilibriju bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit, affermat illi "compensation terms under the relevant legislation are material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it does not impose a disproportionate burden on the applicants. In this connection, the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference and a total lack of compensation can be considered justifiable under Article 1, only in

exceptional circumstances. Article 1 does not, however, guarantee a right to full compensation in all circumstances since legitimate objectives of "public interest" may call for less than reimbursement of the full market value". Anke f'dan il-każ il-Qorti Ewropeja kienet waslet għall-konklużjoni li r-rikorrenti kienu ġew assoġġettati għall-piż tali li essenzjalment kien ifisser li kienu ġew ipprivati mill-proprjeta` tagħhom billi ma kienx ġie milħuq dak il-grad ta' proporzjonalita` li ssemma' aktar 'il fuq. Għalhekk waslet għall-konklużjoni li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll;

Fis-sentenza tat-23 ta' Frar, 1995 fil-każ **Gasus Dosier**, il-Qorti Ewropeja qalet "the Court recalls that the notion "possessions" (in French **biens**) in article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning which is certainly not limited to ownership of physical goods; certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as "property rights", and thus "possessions", for the purposes of this provision. In the present context it is therefore immaterial whether Gasus' right to the concrete mixer is to be considered as a right of ownership or as a security right ... In any event, the seizure and sale of the concrete mixer constituted an "interference" with the applicant company's right "to the peaceful enjoyment" of a "possession" within the meaning of article 1 of Protocol No. 1";

Il-prinċipju dwar il-ħtieġa li jiġi milħuq "a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the indivduals' fundamental rights" u li għandu jkun hemm "a reasonable relationship of *proportionality between the means employed and the aim pursued*" ġie ribadit mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Mejju,

1995, fil-każ ta' **Air Canada**;

L-aħħar żewġ sentenzi li rrintraċċjat din il-Qorti jirrisalu għall-20 ta' Novembru, 1995 u għall-21 ta' Novembru, 1995, rispettivament fil-każ ta' **Pressos Compania Naviera** u fil-każ ta' **Velosa Barreto**, fejn essenzjalment jiġu rikapitolati l-maggior parti tal-prinċipji li ssemmew fis-sentenzi preċedenti, iżda fejn partikolarment fl-ewwel wieħed minn dawn il-każijiet il-Qorti Ewropeja akkordat sinifikat aktar ampju għall-kelma "possession" bħala li tinkludi mhux biss proprjeta' fis-sens ġeneriku tagħha iżda anke d-dritt ta' azzjoni għal kumpens għal danni kkaġunati fil-kuntest ta' "tort";

Minn kif tikkonkludi din il-Qorti jemerġi minn din ir-rassenja ta' ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-segwenti proċess mentali:

Fl-ewwel lok, l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipproteġi mhux biss kontra l-esproprjazzjoni vera u proprja fis-sens **klassiku** kif nafuh, iżda anke kontra l-esproprjazzjoni *de facto* u ċjoe' kif intqal fil-każ ta' Fredin, f'dawk iċ-ċirksotanzi li fis-sustanza jekwivalu għal esproprjazzjoni;

Għall-fini ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni l-kelma "possessions" fit-text Malti "possedimenti" għandha tirċievi sinifikat ampju u fit-tutela taħt dan l-artikolu hemm inkluż ukoll dik kontra interferenzi fl-użu u t-tgawdija tal-proprjeta' u tad-drittijiet relattivi;

Fl-ewwel stadju tal-proċess mentali li jrid jagħmel il-ġudikant,

għandu jiġi stabbilit, l-ewwel u qabel kollox, jekk effettivament kienx hemm esproprjazzjoni vera u proprja kif ukoll *de facto* jew inkella tħalliex integru d-dritt ta' proprjeta` pero` saret inġerenza u interferenza fit-tgawdija paċifika ta' l-istess. Sussegwentement il-ġudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u *taħt kundizzjonijiet* ben definiti bil-liġi. Fl-aħħar nett għandu jiġi *rrikonoxxut lill-Istat* id-dritt u l-poter illi jirregola l-użu tal-proprjeta` in konformita` ma' l-interess ġenerali. F'dan l-eżerċizzju, speċjalment f'dak finali, l-Istat għandu jgawdi marġini lat ta' diskrezzjoni, dejjem pero`, entro l-limiti li jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm dak il-proporzjon li għalih *jagħmlu* referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b'mod *illi min ikun sofra* inġerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tiegħu ma jkunx ġie assoġġettat għal sagrifiċċju partikolari u esorbitanti, ċjoe` eċċessiv;

L-ewwel konsiderazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti tirrigwarda n-nozzjoni ta' proprjeta` u dana l-aktar għaliex il-partijiet iddedikaw *ħafna mit*-trattazzjoni tagħhom għaliha u speċjalment kif ġew żvolti s-sottomissjonijiet tagħhom u stante r-rilevanza ta' l-istess, din il-kwistjoni issa tirrikjedi eluċidazzjoni aktar milli sar fil-Prim'Istanza;

Din il-Qorti tibda biex tgħid illi meta teżamina d-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja li ttrattaw fuq is-sinifikat u l-portata tal-kelma *possessions* jew *biens*, frankament issibha diffiċli biex tifhem l-approċ ta' l-appellanti, ċjoe` il-mod li bih ippruvaw jarġinaw il-kunċett kollu ta' protezzjoni taħt l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali f'parametri ristrettissimi dwar dak li għandu jiftiehem bi dritt ta' proprjeta` li la jirriflettu l-posizzjoni kif temerġi taħt id-dritt ċivili għal dak li jirrigwarda d-dritt ta' proprjeta` u wisq u wisq

inqas, jirriflettu d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja;

Dak illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat fir-rigward ta' xi jfisser taħt il-liġi tagħna d-dritt tal-proprjeta` u l-*jus utendi et ab utendi* naxxenti mid-Dritt Ruman huwa ineċċepibbli. Fuq dan din il-Qorti mhix ser tgħid ħafna u se tagħmel biss referenza għal żewġ awturi li komunament ssir referenza għaliha fl-istudju tad-dritt ċivili tagħna u mill-Qrati tagħna;

Ir-Ricci: Corso Teorico Pratico di Diritto Civile - Vol. II, para. 55 jgħid:

"La legge definisce la proprieta` per il diritto di godere e disporre della cosa nella maniera piu` assoluta, purche` non se ne faccia un uso vietato dalle leggi o dai regolamenti.

Il diritto di godimento della *cosa non importa* solo il diritto di percepirne le rendite o i lucri che da essa derivano e quello di usare e servirsi delle cose secondo la loro destinazione naturale, ma il diritto eziandio di far servire ai proprii bisogni, ai proprii piaceri, e se vuolsi anche ai proprii capricci. Questo diritto non e` soltanto assoluto, ma esclusivo eziandio, tale cioe` che il proprietario della cosa non solo gode a proprio talento, ma ne impedisce agli altri il godimento e da esso gli esclude";

Similment il-Pacifici Mazzoni: Il Code Civile Italiano Commentato - Vol. I, p. 114 jgħid:

"La proprieta` e` *il diritto piu` completo, il diritto per* eccellenza, che una persona puo` avere su di una cosa ... I suoi principali attributi sono compresi nella definizzione descritta della

legge ...: essi sono il diritto di disporre e il diritto di godere.

Il diritto di *proprieta`* ha due caratteri essenziali. Esso e` assoluto ed esclusivo: assoluto in quanto ciascuno e' della cosa sua moderator et arbiter, ha su di essa un potere illimitato, quasi dispotico, da poter far ella cosa cio` che meglio gli aggrada, goderne, disporne, distruggerla; esclusive in quanto il proprietario ha il potere privativo, in forza del quale puo impedire a chicchessia di godere e di disporre della cosa sua, e puo rivendicarla da qualunque terzo possessore, e respingere ogni turbativa apportata al suo diritto.

Il primo carattere *puo`* rimanere modificato dalla legge, dal proprietario, dalla incapacita` personale del medesimo e da una certa imperfezione dello stesso diritto; l'uno e l'altro dall'utilita` pubblica";

Fil-paġna 117, l-istess awtur ikompli:

"Il diritto di proprieta` presso i Romani si scomponeva a dire cosi`, in diritto di usare (*jus utendi*), il diritto di godere (*jus fruendi*), il diritto di disporre (*jus abutendi*). Ma la legge italiana, sulle norme del Codice Napoleonico e di quelli gia vigenti nel regno, considera la proprieta` composta di due elementi o diritti suscettibili di essere l'uno dell'altro separati, cioe` del diritto di godere e del diritto di disporre. Per altro del diritto di godere considera due gradi, cioe' il godimento pieno o totale, che corrisponde al *jus fruendi* del diritto Romano, e il godimento meno pieno o parziale, che l'*jus utendi* dei Romani ... Quando i due diritti di godere e disporre sono uniti e riseggono intieri in una stessa persona, la proprieta` suol chiamarsi piena e perfetta";

Din il-Qorti ċċitat fit-tul minn dawn iż-żewġ awturi essenzjalment biex turi li kuntrarjament għal dak li qegħdin jissottomettu l-appellanti, dak illi kkunsidrat l-Ewwel Qorti bħala s-sinifikat ta' dritt ta' proprjeta` taħt il-liġi tagħna huwa korrett, kif diġa` ngħad;

Dan il-mod kif għandha tiftiehem in-nozzjoni tal-proprjeta` jirrispondi ukoll għal ħafna mis-sottomissjonijiet anċillari li għamlu l-appellanti u li ssemmew aktar 'il fuq. Jirrispondi per eżempju għad-distinzjoni sottili, pero` frankament kompletament erratika ta' l-appellant, illi hemm distinzjoni bejn il-kunċett ta' proprjeta` taħt il-Liġi Ċivili u dak taħt il-Liġi Kostituzzjonali li tittutela d-dritt ta' l-Istat li jikkontrolla l-użu li jista' jsir minn proprjeta` privata. Effettivament, la l-Ewwel Qorti, la l-appellati u lanqas il-liġi tagħna, anke fil-kamp ċivili, ma jirrestrinġu dan id-dritt ta' l-Istat, għaliex kif jispjegaw iż-żewġ awturi fuq ċitati, essenzjalment, għalkemm wieħed jgħid li d-dritt ta' proprjeta` huwa assolut u esklussiv, fl-istess ħin hemm ċerti aspetti minnu, partikolarment għal dik li hija tgawdija, li jistgħu jiġu assoġġettati għall-kunċett ta' utilita` pubblika. Dan qatt ma ġie nnegat u effettivament bħala prinċipju ilu jeżisti sekoli sħaħ fis-sens li dejjem ġie aċċettat li d-dritt ta' proprjeta` jista' jiġi assoġġettat fl-interess pubbliku;

Pero` fi kwalunkwe każ hawnhekk qegħdin fil-kamp mhux biss kostituzzjonali iżda f'dak li, in materja ta' protezzjoni ta' dritt ta' proprjeta`, huwa ssalvagwardat mill-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni kif applikat u interpretat minn Qorti Ewropeja b'mod partikolari. Mir-rassenja tal-ġurisprudenza li tinsab riportata aktar 'il fuq, jekk temerġi xi ħaġa ċara aktar minn oħra, din hija illi fl-applikazzjoni tal-protezzjoni ta' dan id-dritt, il-Qorti Ewropeja, dejjem tat sinifikat ampju kemm jista' jkun għall-

protezzjoni estiża mill-Protokoll għal dan id-dritt ta' proprjeta`, bħala li jikkomprendi varjeta` sħiħa ta' aspetti. Speċjalment meta wieħed jeżamina s-sentenzi li ssemmew aktar 'il fuq, isib illi l-Qorti Ewropeja estendiet il-protezzjoni tal-Protokoll - anke jekk mhux neċessarjament f'kull każ akkordat it-talba ta' l-applikant - mhux biss għall-każijiet fejn kien hemm esproprjazzjoni vera u proprja, mhux biss għall-każijiet fejn kien hemm esproprjazzjoni *de facto*, iżda anke għall-każijiet fejn jirriżulta *control of the use of property*. B'mod partikolari mbagħad, meta l-Qorti Ewropeja tagħmel enfasi li anke *t-tieni* paragrafu ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali jrid jinqara fl-ispirtu ta' l-ewwel paragrafu li jittutela d-dritt tal-proprjeta`, wieħed m'għandux għalfejn imur oltre. Dana għax skond l-istess sentenzi, anke f'każijiet ta' tali kontroll meħtieġ fl-interess pubbliku, fejn l-Istat għandu marġini lat ta' diskrezzjoni, huwa fondamentali li jintlaħaq dak il-bilanċ, dak l-ekwilibriju, bejn l-interessi ġenerali tal-komunita` u d-drittijiet fondjarji ta' l-individwu u b'mod li jkun hemm proporzjon raġonevoli bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit. Per eżempju, fil-każ ta' **Velosa Barreto**, *sup. ċit.* il-Qorti Ewropeja qalet illi "the restriction on the applicant's right to terminate his tenant's lease constitutes control of the use of property within the meaning of the second paragraph of article 1 of Protocol No. 1" - imbagħad s'intendi tibqa' l-kwistjoni ta' jekk kienx hemm ġustifikazzjoni jew le kif stabbilit bl-istess paragrafu Nru. 2. L-istess, fil-każ ta' **Gasus u Dosier**, sup. ċit., meta l-Gvern ta' l-Olanda ssottometta illi "the expression "deprivation" implied that the natural or legal person concerned was left empty handed", il-Qorti ma qablitx ma' l-istess interpretazzjoni. Similment fil-każ tal-**Holy Monasteries**, il-Qorti Ewropeja, fl-eżami tagħha tas-sinifikat tal-kelma *deprivation of possessions* argumentat fil-kuntest ta' *possession and use*. Ukoll, jekk wieħed jara s-sentenza fil-każ **Scollo**, sub. ċit., malajr

jirrealizza li l-Qorti f'każ fejn "there was neither a transfer of property nor a *de facto* expropriation - at all times the applicant retained the possibility of alienating his property and received rent - as the implementation of the measures in question meant that the tenant continued to occupy the flat, it undoubtedly amounted to control of the use of property. Accordingly, the second paragraph of article 1 is applicable";

Effettivament din il-Qorti tista' tibqa sejra u tiċċita minn diversi sentenzi oħra, pero`, taħseb li dak li ngħad s'issa huwa biżżejjed biex jikkontradiċi bl-aktar mod lampanti t-teżi ta' l-appellanti li hi waħda ristrettiva għall-aħħar u li kif ingħad, ma tikkorrispondix mal-mod kif ġie mifhum u applikat l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali mill-Qorti Ewropeja li huwa l-mod li din il-Qorti għandha ssegwi. Huwa għalhekk li din il-Qorti ma tarax li tista' tagħti importanza lil ċerti sottomissjonijiet ta' l-appellanti bħal ma hi dik li l-appellati ma kinux igawdu servitujiet fuq l-art li fuqha nbena l-*Power Station* u għalhekk ma tnaqqsilhomx id-dritt tal-proprjeta` tagħhom. Kif lanqas ma jista' jsib appoġġ l-argument li kull proprjeta` tista' tiġrilha dak li ġara lil dik tal-konjuġi Mintoff;

L-appellanti kienu ukoll skorretti meta fid-distinzjoni li bdew jiżvolġu bejn l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, emfasizzaw li dan ta' l-aħħar bl-ebda mod ma jsemmi espressament il-kwistjoni tal-kumpens. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fil-każ ta' **James Cavendish**, sup ċit., li proprju tikkontradiċi in pien din is-sottomissjoni;

It-tielet punt li trid tagħmel din il-Qorti jirrigwarda s-sottomissjoni u l-preokkupazzjoni ta' l-appellanti li bħala riżultat tas-sentenza appellata, f'pajjiż żgħir bħal ma hu tagħna, fejn diversi

proġetti li jsiru fl-interess nazzjonali, ċjoe` fl-interess pubbliku u għall-progress tal-pajjiż, xi ftit jew wisq, jiddisturbaw il-paċi u l-kwiet ta' l-ambjent u tan-natura u jikkawżaw inkonvenjenti li jirrigwardaw ukoll it-tgawdija tal-proprjeta` f'sens ġeneriku, se jġib illi kull proġett simili ta' dimensjoni nazzjonali u ta' utilita` pubblika, kull darba li jikkrea xi inkonvenjent li jirrigwarda t-tgawdija tal-proprjeta` kif fehmitha l-Ewwel Qorti, dan ikun jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali li ma jsirux proġetti bħal dak in eżami biex ma tiddisturbax ix-xeni tas-sbuħija naturali ekoloġiċi f'xi nħawi u biex ma tiddisturbax ukoll it-tgawdija tal-proprjeta` fis-sens ġeneriku a distinzjoni ta' dak ġuridiku. Kif ġa` ngħad huma jissottomettu ukoll li kieku s-sit li fuqu nbena l-*Power Station* kien band'oħra, dejjem kien se jiġi kkreat xi inkonvenjent lil xi ħadd, bil-konsegwenza li dak li jkun ma jibqax jieħu l-istess pjaċir bil-proprjeta` tiegħu bħal qabel. Dan ma jfissirx pero`, skond l-appellanti, li l-paċifiku godiment tal-proprjeta` kien qed ikun mittiefes u ċertament, skond huma, in-nozzjoni tad-dritt ta' proprjeta` kif protett u ttutelat mill-Ewwel Protokoll Addizzjonali ma jkoprix dak li wieħed jifhem meta jaqra s-sentenza appellata;

Effettivament fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar li l-appellanti qegħdin jikkonfondu nozzjoni ma' oħra bħala riżultat tal-fatt li fl-ewwel lok ma afferrawx il-portata enormi tat-tutela estiża bl-Ewwel Protokoll Addizzjonali, u t-tieni għaliex il-preokkupazzjoni tagħhom li f'kull każ ta' proġett ta' dimensjoni nazzjonali l-Gvern jista' jiġi espost, ħa s-sopravvent fuq kull konsiderazzjoni oħra;

Effettivament din hija preokkupazzjoni bla bażi u ma tirriflettix la dak li qalet is-sentenza appellata u lanqas il-posizzjoni kif temerġi mill-estensjoni ta' protezzjoni da parti tal-Qorti Ewropeja. Mill-banda l-oħra pero`, l-appellanti jridu jifhmu ukoll illi l-ebda Stat

ma għandu taħt il-kappa jew pretest ta' l-utilita` pubblika jew l-interess nazzjonali privileġġ assolut li, jagħmel x'jagħmel, jippretendu xi eżenzjoni assoluta minn responsabbilita` għall-inġerenzi fid-dritt tal-proprjeta` u tal-paċifiku godiment tagħha, jekk dan jirriżulta protett taħt l-Ewwel Protokoll Addizzjonali. Jiġifieri fl-interess pubbliku, jew għall-utilita` pubblika, m'hemm xejn x'iżomm l-Awtoritajiet Governattivi milli, jekk hu neċessarju, jesproprjaw proprjeta` jew jikkontrollaw il-proprjeta`, purche` din l-esproprjazzjoni jew *control of the use of property* issir legalment kif previst mil-liġi. Jekk ix-xelta, pero`, ma tkunx din, u cio` nonostante jirriżulta dak li l-Qorti Ewropeja fil-kors tad-diversi sentenzi tagħha ttutelat bħala dritt ta' proprjeta`, anke jekk mhux *fis-sens* strett ġuridikament kif jifmuh l-appellanti, allura wieħed irid *jeżamina* l-kwistjoni mhux biss fil-parametri tal-marġini lat ta' diskrezzjoni li l-Istat għandu f'dak li jirrigwarda x'inhu neċessarju fl-interess pubbliku, iżda wkoll fil-parametri ta' dak li jirrikjedi l-Ewwel Protokoll Addizzjonali, u ċjoe`, jekk bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemmx dak il-proporzjon raġonevoli u jekk iċ-ċittadin ġiex sottopost għal sagrifiċċju eċċessiv u partikolari. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tagħmilha ċara ukoll illi l-applikabbilita` ta' dan il-prinċipju, ċjoe`, li hu neċessarju li jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, bil-mod kif qed jiġi żviluppat mill-Qorti Ewropeja ta' Strassbourg, qed jiġi estiż mhux biss għall-każijiet li jirrigwardaw id-dritt tal-proprjeta`, iżda anke fir-rigward ta' drittijiet oħra bħal dak illi huwa sanċit taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ċjoe` "the right to respect for private and family life and for the home". Il-każ ta' **Lopez, Ostra kontra Spanja** huwa wieħed minn dawn u għandu jkun indikattiv ta' fejn il-Qorti Ewropeja qiegħda tindirizza lid-diversi Stati senjatarji tal-Konvenzjoni. F'dak il-każ li kien jittratta dwar impjant "for the treatment of liquid and solid

waste from tanneries" il-Qorti qalet "the Court nevertheless *considered that severe environmental pollution might affect* individuals' well-being and prevent them from enjoying their homes in such a way as to affect their private and family life adversely, without, however, seriously endangering their health. At all events, regard must be had to the fair balance that had to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole". F'dak il-każ ukoll l-impjant kien ġie kkostruwit ftit metri 'l bogħod mir-residenza ta' l-applikant u l-Qorti b'vot unanimu ddeċidiet li "despite the *margin* of appreciation left to it, the respondent State had not succeeded in striking a fair balance between the interest of the town of Lorca's economic well-being *(that of having a waste treatment plant)* and the applicant's effective enjoyment of her right to respect for her home and her private and family life";

Fil-każ preżenti, il-kwistjoni tal-possibbli vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja mhuwiex *in ballo*, peress li, kif ingħad, l-appellati konjuġi Mintoff ma interponewx appell mill-parti tas-sentenza appellata li ddeċidiet l-allegata vjolazzjoni kontra l-imsemmi artikolu. Pero' huwa *in ballo* l-prinċipju fondamentali li jirregola l-kwistjoni kollha u li essenzjalment jidderiva min-nozzjoni ġenerali li ssemmiet aktar 'il fuq u ċjoe' li, għalkemm l-Istat f'dik li hija politika rigwardanti, l-interess pubbliku għandu marġini ta' diskrezzjoni wiesgħa u l-Qrati għandhom jipprestaw l-attenzjoni dovuta tagħhom għal dan, cio' nonostante, f'dan l-eżerċizzju għandu jiġi assigurat dak il-bilanċ li ssemma' aktar 'il fuq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk li jikkostitwixxu d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu. Jekk dan il-bilanċ ma jkunx intlaħaq, jekk bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit ma jkunx hemm dak il-proporzjon raġonevoli, ċjoe', jekk l-implimentazzjoni ta' dak

li l-Istat iħoss li hu fl-interess pubbliku tkun marret oltre dak li wieħed raġonevolment jistenna li hu kopert *bil-marġini lat estiż* lill-Istat, allura hu d-dover tal-Qrati li jintervjenu u jittutelaw id-*drittijiet fondamentali ta'* l-individwu. Kieku ma kienx hekk, kieku taħt l-iskuża ta' l-interess pubbliku, ġusta kemm tista' tkun tidher li *hi ġusta fil-fehma ta'* l-Awtorita` Governattiva, *il-kunċett ta' protezzjoni tad-drittijiet fondamentali ta'* l-*individwu jisfa' fix-xejn* u jsir illużorju. Tiġi kkreata sitwazzjoni fejn mhux il-proprjeta` tiġi sagrifikata fl-istess pubbliku, iżda d-dritt fondamentali ta' protezzjoni tad-dritt ta' proprjeta` jiġi reż totalment ineffikaċi. Ċertament, dan ma jirriflettix la l-posizzjoni kif temerġi mill-Ewwel Protokoll u wisq anqas il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strassbourg;

Hemm punt ieħor li fil-fehma ta' din il-Qorti mhux daqstant importanti, iżda li ġie ssollevat mill-appellanti, u ċjoe' dak li jirrigwarda l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-Gvern għażel li ma *jesproprjax id-dar ta'* l-*appellati konjuġi Mintoff minħabba l-posizzjoni pubblika* li *l-Perit Mintoff kien jokkupa fil-pajjiż. Fuq* dan din il-Qorti ftit *għandha xi tgħid*, ħlief illi, mill-eżami ta' l-atti proċesswali ma tarax illi tista' tiddisassoċja ruħha minn dak li fehmet l-Ewwel Qorti. Anzi din il-Qorti tagħmilha ċara li *mill-assjem tal-provi* diffiċli wieħed jikkonvinċi ruħu mill-kuntrarju. Pero` *bħala* punt, tqisu marġinali fis-sens li kienet x'kienet ir-raġuni, dak li hu rilevanti li f'ċertu stadju ittieħdet deċiżjoni li l-proprjeta` ta' l-*appellati* ma tiġix inkluża fl-esproprjazzjoni;

Ukoll ta' ftit importanza hija s-sottomissjoni l-oħra ta' l-appellanti in kwantu tirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti għal dawk li *setgħu kienu inizjattivi minn terzi persuni* li għamlu xi offerta lill-Onorevoli Mintoff. L-appellanti akkampaw din is-sottomissjoni tagħhom fuq l-argument li din, semmai, kienet

inizjattiva personali *ta'* xi individwu/i u bl-ebda mod ma seta' wieħed jiddeduċi minnha xi assunzjoni da parti ta' l-Awtorita' Governattiva ta' responsabbilita` għall-inkonvenjenti kollha li setgħu ġew ikkaġunati lill-konjuġi Mintoff. Effettivament, minn eżami tas-sentenza appellata, apparti milli hemm is-sottomissjoni oriġinali *li kienu għamlu* l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent *li ma* tantx hija konsona ma' dak li qed jissottomettu llum, ma tarax illi l-Ewwel Qorti ġibdet xi konklużjonijiet erratiċi jew li hija waslet għall-konklużjoni li kien hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-konjuġi Mintoff protett taħt l-artikolu1 ta' l-Ewwel Protokoll minħabba li kienet saret *l-offerta li ssemmiet.* Anzi jekk wieħed jeżamina s-sentenza appellata, pjuttost jara *li* l-Ewwel Qorti ma tatx l-importanza lil din il-konsiderazzjoni daqskemm qed jippretendu l-appellanti;

Stabbilit dan, din il-Qorti trid tagħmilha ċara ukoll - u dan b'*referenza* għal xi sottomissjonijiet li għamlu l-appellati konjuġi Mintoff - *illi* hija taqbel ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti li għal dak li huwa nozzjoni ta' utilita` pubblika, il-Gvern għandu jkun l-arbitru finali. Hija ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellati li għandha tidħol fid-dettal biex teżamina jekk ix-xelta tas-sit effettivament magħżul kinitx fl-interess pubbliku jew le, jew jekk is-sistema magħżula kinitx l-aħjar waħda u għalhekk fl-interess pubbliku. Il-Qorti tirrikonoxxi lill-Istat, il-marġini lat ta' diskrezzjoni li l-istess Qorti Ewropeja tirreferi għalih. Kienet u tibqa' rilevanti invece, is-sottomissjoni ta' l-appellati konjuġi Mintoff li kienet l-allegata vendikazzjoni u diskriminazzjoni l-bażi sottostanti għax-xelta tas-sit ta' Delimara għall-kostruzzjoni ta' *Power Station* u mhux il-veru *interess* pubbliku. F'dan ir-rigward din il-Qorti, minn eżami tal-provi, *ma tarax li tista'* tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tikkondividi pjenament il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti u ċjoe`, illi mill-provi,

l-allegata vendikazzjoni, anke jekk wieħed ma jistax kategorikament jeskludiha (għax ukoll ma hemmx provi ta' hekk), pero` ma tinsabx riskontrata, kif anqas ma huma ravviżati l-estremi tad-diskriminazzjoni fis-sens strett tal-kelma u kif pretiżi mill-appellat. Fuq dan din il-Qorti m'għandhiex aktar x'iżżid;

Għal dak li effettivament irriżulta li ġara f'dan il-każ u l-konsegwenzi riżultanzi, din il-Qorti tirrileva bħala kruċjali dan li ġej:

*a) Mill-provi rakkolti, din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni* raġġunta mill-Ewwel Qorti, illi l-effetti negattivi tal-*Power Station* fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti, mhux biss huma inevitabbli, imma kienu ukoll in larga miżura prevedibbli. Jiġifieri ma jistax ikun hemm dubbju li l-Awtoritajiet Governattivi kienu ben konxji tal-fatt li bħala konsegwenza tal-proġett li kien ser isir għall-ġid nazzjonali, il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet ser tiġi reża prattikament bla valur;

Mid-dikjarazzjoni ta' l-Aġent President ta' Malta tad-9 ta' Ottubru, 1987, jemerġi li l-parti l-kbira tal-proprjeta` tal-konjuġi *Mintoff kienet inkluża fl-art li "għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li* possibilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku". Jiġifieri, l-istess proprjeta`, kif anke jirriżulta mill-pjanta esebita, jidher li oriġinarjament kienet intiża bħala li aktarx ser tifforma parti mill-art li l-Gvern kien qiegħed jikkontempla li jesproprja;

Kienet x'kienet ir-raġuni, il-Gvern iddeċieda li ma jesproprjax il-proprjeta` tal-konjuġi Mintoff u rrestrinġa l-esproprjazzjoni għall-marġini tat-triq li hemm faċċata tal-grada u ħajt estern ta' l-istess proprjeta` u li hi appena ftit metri 'l bogħod;

Jirriżulta ukoll li sussegwentement beda l-proċess ta' qtugħ ta' blat u eventwali bini tal-*Power Station*. Jekk il-*Power Station* kellux jinbena kif inbena, jekk setgħax kien hemm sistemi oħra li ġew adoperati, jekk is-sistemi magħżula kinux l-aktar ekonomiċi u fl-aħjar interess tan-nazzjon, huma fil-fehma ta' din il-Qorti, kollha punti rrilevanti għall-eżitu ta' din il-vertenza. Dak li hu relevanti huwa effettivament x'jirriżulta li sar u x'konsegwenzi negattivi dan ġab, jekk ġab, lill-konjuġi Mintoff f'dik li hija tgawdija tal-proprjeta' tagħhom u jekk dawn il-konsegwenzi jidħlux fil-parametri ta' dak l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali jittutela;

L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni li kien hemm esproprjazzjoni *de facto* tal-proprjeta' tal-konjuġi Mintoff fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:

Illi huma qed jiġu mċaħħda mill-użu u t-tgawdija ta' l-istess proprjeta' bħala konsegwenza diretta tad-deċiżjoni tal-Gvern li jibni l-*Power Station* ftit metri 'l bogħod mill-proprjeta' tagħhom u b'mod li minħabba li ma saritx esproprjazzjoni bil-mezzi legali normali, huma ġew li mhumiex intitolati għal kumpens xieraq għal dan it-telf bħal ma kienu jkunu intitolati għalih kieku l-proprjeta' ġiet regolarment esproprjata;

Illi ċ-ċaħda ta' l-użu u t-tgawdija li qed isofru l-intimati konjuġi Mintoff hi tista' tgħid assoluta, billi ġiet reża għal kollox inadattata għall-iskop ta' abitazzjoni li għaliha kienet, u hi, intiża;

Inoltre, l-valur ekonomiku tal-proprjeta' ġie mmenomat sal-punt li diffiċilment wieħed jista' jimmaġina li għad fadlilha xi valur kummerċjali rilevanti. Infatti bħala konsegwenza diretta tal-

kostruzzjoni tal-*Power Station* ftit metri 'l bogħod mill-proprjeta` tagħhom, ma hemmx dubbju li l-istess proprjeta` tilfet, kważi għal kollox, il-valur oġġettiv tagħha u b'mod assolut il-valur soġġettiv tagħha għar-rikorrenti li ma jistgħux jibqgħu jużawha għall-iskop ta' abitazzjoni li għaliha kienet maħsuba u regolarment użata. F'dan is-sens ukoll il-kwalita` tal-ħajja tagħhom ġiet avversament u b'mod gravi affetta;

Kien ċar fiċ-ċirkostanzi li f'sitwazzjoni normali l-prudenza u r-raġuni kienu jiddettaw li l-proprjeta` tal-konjuġi Mintoff tiġi ukoll formalment esproprjata flimkien ma' l-art l-oħra kollha li effettivament ġiet esprorpjata;

Għalkemm ma hemmx dubbju li l-Istat għandu diskrezzjoni wiesgħa biex jiddetermina x'inhu fl-interess pubbliku, u f'dan ir-rigward indubbjament kellu kull dritt li jiddetermina fejn kellha tinbena l-*Power Station*, huwa naqas li juża dak is-sens ta' proporzjon bejn l-interess pubbliku u kif dan kien ser jaffettwa lill-konjuġi Mintoff, speċjalment meta l-piż tad-deċiżjoni meħuda ma kinitx ser tiġi ssopportata mill-komunita` jew parti sostanzjali minnha, imma minn individwu jew grupp żgħir ta' individwi. Huwa f'dan it-test illi l-aġir ta' l-Awtoritajiet Governattivi jfalli għax ma tistax tiġi ravviżata ma hemmx ġustifikazzjoni fl-għażla *tagħhom* li jiddiskriminaw kontra l-konjuġi Mintoff b'mod li jċaħħduhom mid-dritt ta' kumpens xieraq għall-preġudizzju li soffrew fit-tgawdija paċifika tal-proprjeta` tagħhom meta naqsu li jinkludu din il-proprjeta` fl-esproprjazzjoni regolari li saret skond il-liġi għall-art meqjusa neċessarja biex jinbena l-proġett. Huwa bħala konsegwenza diretta ta' dan in-nuqqas li tiġi formalment esproprjata l-proprjeta` li nħoloq dak l-iżbilanċ ta' proporzjonalita` bejn l-interessi tas-soċjeta` u dawk tal-konjuġi Mintoff illi jammonta għall-

ksur tad-dritt fondamentali tagħhom fit-termini ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll *Addizzjonali*;

Din il-Qorti tirrileva ukoll li bħal ma sar fil-kors tal-proċeduri fil-Prim'Istanza hija ukoll żammet aċċess fuq il-post fejn *kellha* opportunita` li tikkonstata *de visu* l-kostruzzjoni kollha u l-impjant tal-*Power Station*, il-viċinanza fiżika u l-Impjant kollu għall-proprjeta` tal-konjuġi Mintoff u s-sitwazzjoni sfortunata li fiha spiċċat il-proprjeta` ta' l-appellati. F'dan il-kuntest tikkonferma li, apparti li tinsab rovinata darba għal dejjem dik li l-Ewwel Qorti rriferiet għaliha "posizzjoni ta' sbuħija naturali u invidjabbli" u l-kruha estetika viżiva taċ-ċumnija mostruża proprju faċċata tal-proprjeta` ta' l-appellati, li kif sewwa kkonstatat l-Ewwel Onorabbli Qorti "jirrendu impossibbli li wieħed jabita ġo bini daqshekk viċin għaliha", hemm l-aspett ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet tossiċi u emissjonijiet oħra li joħorġu miċ-ċumnija tal-*Power Station*. *Din* il-Qorti bħall-ewwel waħda kellha opportunita` tikkonstata *de visu* mhux biss iċ-ċarċir li hemm maċ-ċumnija u li evidentement huwa riżultat ta' l-emissjonijiet li joħorġu minnha u li huwa inkontestat li għandhom effett deleterju fuq is-saħħa u fuq il-kostruzzjoni, iżda rat ukoll, tista' tgħid fl-ambjenti kollha tal-proprjeta` ta' l-appellati, r-riżultat ta' dawn l-emissjonijiet. Effettivament jista' *jingħad illi* huwa ovvju minn dak li kkonstatat hi, b'referenza għal dak li kien ġie kkonstatat mill-Ewwel Qorti, li l-estensjoni tat-tbajja' ta' sadid li qed jiddepositaw ruħhom fuq l-ambjenti kollha tal-proprjeta` ta' l-appellati żdiedet konsiderevolment minn meta sar l-ewwel aċċess, u għalhekk wieħed ma jistax ma jikkunsidrax dak li ġie sottomess lill-Ewwel Qorti mill-Professur Alfred J. Vella li din il-ħaġa hija progressiva. Dana qed jiġi rrilevat, għaliex kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, għalkemm dan kien rapport *ex parte*, l-konklużjonijiet tiegħu ma ġewx ikkontestati mill-intimati;

Fl-aħħarnett jiġi osservat illi kif jirriżulta mill-provi, bħala riżultat ta' dak li ġara u tas-sitwazzjoni li ġiet ikkreata, l-konjuġi Mintoff ma għamlux aktar użu minn din il-proprjeta' - użu regolari li preċedentement jirriżulta li kienu jagħmlu. *F'dan il-kuntest* hu kompletament irrilevanti dak li ssottomettew l-appellanti u ċjoe' illi l-proprjeta' *de quo* ma tikkwalifikax bħala residenza ta' l-appellati. Hu rrilevanti għax dritt ta' proprjeta' ma jiddependix mill-aspett ta' residenza u għaliex din il-Qorti hija sodisfatta li hemm prova aktar milli sodisfaċenti ta' l-użu li l-konjuġi Mintoff kienu jagħmlu mill-istess proprjeta' qabel ma avvera ruħu dak li ġie deskritt aktar 'l fuq - użu li llum m'għadux aktar possibbli;

In konklużjoni din il-Qorti għalhekk tara illi fuq dawn *il-*premessi u argumenti kollha, l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti li ċ-ċirkostanzi jammontaw għall-esproprjazzjoni *de facto* hija korretta u timmerita konferma;

Għal dawn il-motivi tiddisponi miż-żewġ appelli ċjoe', dak ta' l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u ta' l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent, kif ukoll dak ta' l-Arkitett Joseph Ellul Vincenti bħala *Chairman* għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni EneMalta, billi tiċħad l-istess. Konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita' tagħha. Fl-aħħarnett tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti għal-kontinwazzjoni u deċiżjoni finali skond il-liġi;

L-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif inhuma, mentri dawk ta' din l-istanza jiġu ssopportati mill-appellanti.